



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1076 tat-28 ta' April 2015 li, skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jistabbilixxi regoli addizzjonali dwar is-sostituzzjoni ta' benefiċjarju u dwar ir-responsabbiltajiet relatati, u rekwiżiti minimi li għandhom jiġu inklużi fi ftehimiet ta' Sħubija Pubblika Privata ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1077 tal-1 ta' Lulju 2015 li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Idiazabal (DPO)]** 4
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1078 tat-3 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010, fir-rigward tas-sustanza "aċidu klodroniku (fil-forma ta' melħ tad-disodju)"⁽¹⁾** 5
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1079 tat-3 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "eżafalumuron"⁽¹⁾** 8
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1080 tat-3 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "propil 4-idrossibenzoat u l-melħ tas-sodju tiegħu"⁽¹⁾** 11
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1081 tat-3 ta' Lulju 2015 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-Russja** 14
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1082 tat-3 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 41

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-KUmissjoni (UE) 2015/1083 tat-3 ta' Lulju 2015 li jiffissa l-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għall-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mid-29 sat-30 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1918/2006 għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet ta' tali liċenzji għax-xahar ta' Lulju 2015 43

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1084 tat-18 ta' Frar 2015 li, fisem l-Unjoni Ewropea, tapprova ċerti emendi fl-Annessi II, V, VII u VIII tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (notifikata bid-dokument C(2015) 797) ⁽¹⁾ 45**
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1085 tat-2 ta' Lulju 2015 dwar miżura meħuda mill-lizvezja, skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-magni tal-injam għan-nar Hammars vedklipp 5,5 hk u Hammars vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB (notifikata bid-dokument C(2015) 4428) ⁽¹⁾ 124**

Rettifika

- ★ **Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 03, Volum 029) 126**
- ★ **Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013) 126**

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1076

tat-28 ta' April 2015

li, skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jistabbilixxi regoli addizzjonali dwar is-sostituzzjoni ta' benefiċjarju u dwar ir-responsabbiltajiet relatati, u rekwiżiti minimi li għandhom jiġu inklużi fi ftehimiet ta' Sħubija Pubblika Privata ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 63(4) u 64(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 63(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jistipula li f'dak li għandu x'jaqsam mal-operazzjoni ta' Sħubija Pubblika Privata ("PPP — Public Private Partnership"), benefiċjarju jista' jkun korp irregolat mil-liġi privata ta' Stat Membru ("sieħeb privat"). F'konformità mal-Artikolu 63(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, is-sieħeb privat magħżul biex jimplementa l-operazzjoni jista' jiġi sostitwit bħala benefiċjarju waqt l-implimentazzjoni fejn dan ikun meħtieġ skont il-patti u l-kondizzjonijiet tal-PPP jew tal-ftehim ta' finanzjament sottostanti bejn is-sieħeb privat u l-istituzzjoni finanzjarja li tikkofinanzja l-operazzjoni.
- (2) Sabiex ikun speċifikat sett komplut ta' obbligi tas-sħab f'operazzjoni ta' PPP, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli addizzjonali dwar is-sostituzzjoni tal-benefiċjarju u dwar ir-responsabbiltajiet relatati.
- (3) Fil-każ ta' sostituzzjoni ta' benefiċjarju f'operazzjoni PPP iffinanzjata mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li wara s-sostituzzjoni, is-sieħeb jew il-korp il-ġdid jipprovdi mill-anqas l-istess servizz, u skont l-istess standards ta' kwalità minima, li kienu meħtieġa mill-kuntratt inizjali tal-PPP.
- (4) Għal operazzjoni PPP fejn il-korp tal-liġi pubblika ikun il-benefiċjarju tal-għotja, l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li skonthom xi nefqa mġarrba u mħallsa minn sieħeb privat tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala mġarrba u mħallsa mill-benefiċjarju. L-Artikolu 64(2) ta' dan ir-Regolament jeżiġi li l-ħlas fir-rigward ta' tali nefqa jsir f'kont miżmum minn terzi fisem il-benefiċjarju.
- (5) Huwa neċessarju li jkunu stabbiliti r-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu inklużi fi ftehimiet PPP li huma neċessarji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, inklużi dispożizzjonijiet relatati mat-tmiem tal-ftehim PPP u bil-għan li jiġi żgurat rekord adegwat tal-awditjar.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Regoli dwar is-sostituzzjoni ta' benefiċjarju f'operazzjonijiet ta' PPP ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

(Artikolu 63(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)

Artikolu 1

Kondizzjonijiet addizzjonali dwar is-sostituzzjoni tas-sieheb privat

Is-sostituzzjoni tas-sieħeb privat jew tal-korp irregolat bil-liġi pubblika msemmija fl-Artikolu 63(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ("sieħeb jew korp") ikunu konformi mal-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

- (a) is-sieħeb jew il-korp ikun jista' tal-inqas jagħti s-servizz, inkluż mill-inqas l-istandards minimi ta' kwalità, determinati fil-kuntratt ta' Sħubija Pubblika Privata ("PPP");
- (b) is-sieħeb jew korp ikun qabel li jieħu fidejħ id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' benefiċjarju f'dak li għandu x'jaqsam mal-appoġġ għal operazzjonijiet PPP mid-data li fiha l-awtorità maniġerjali tiġi nnotifikata bil-proposta ta' sostituzzjoni.

Artikolu 2

Proposta li jiġi sostituit sieħeb privat

1. Is-sieħeb jew il-korp jibgħat il-proposta għas-sostituzzjoni tas-sieħeb privat bħala benefiċjarju lill-awtorità maniġerjali fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni li jkun sostitwit is-sieħeb privat.
2. Il-proposta msemmija fil-paragrafu 1 ikun fiha dawn li ġejjin:
 - (a) il-patti u l-kondizzjonijiet tal-PPP jew il-ftehim ta' finanzjament bejn is-sieħeb privat u l-istituzzjoni finanzjarja li tikkofinanzja l-operazzjoni li tkun teħtieġ sostituzzjoni;
 - (b) evidenza dwar l-issodisfar mis-sieħeb jew il-korp tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u evidenza li huwa jissodisfa u jieħu fuqu l-obbligi korrispondenti kollha ta' benefiċjarju skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013;
 - (c) prova li s-sieħeb jew il-korp ikun ġie pprovdut b'kopja tal-ftehim oriġinali ta' appoġġ u kwalunkwe emendi li setgħu saru għal dan il-ftehim.

Artikolu 3

Konferma ta' sostituzzjoni tas-sieħeb privat

Fi żmien xahar mill-wasla tal-proposta msemmija fl-Artikolu 2, u sakemm is-sieħeb jew il-korp jissodisfa u jieħu fuqu l-obbligi korrispondenti kollha ta' benefiċjarju skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u jikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, l-awtorità maniġerjali għandha:

- (a) tirreġistra s-sieħeb jew il-korp bħala l-benefiċjarju mid-data msemmija fl-Artikolu 1(b) ta' dan ir-Regolament;
- (b) tinforma lis-sieħeb jew il-korp dwar l-ammont ta' appoġġ li jkun għad hemm disponibbli mill-Fondi ESI.

KAPITOLU II

Rekwiżiti minimi li għandhom jiġu inklużi fi ftehimiet PPP ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

(Artikolu 64(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)

Artikolu 4

Kont miżmum minn terzi

Fir-rigward ta' kont miżmum minn terzi msemmi fl-Artikolu 64(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-Ftehim tal-PPP ikun fih ir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) fejn xieraq, il-kriterji għall-għażla tal-istituzzjoni finanzjarja fejn għandu jinfetħ il-kont miżmum minn terzi, inklużi rekwiżiti dwar l-affidabbiltà kreditizja tagħha;

- (b) il-kondizzjonijiet li skonthom isiru l-ħlasijiet mill-kont miżmum minn terzi;
- (c) jekk il-korp irregolat bil-liġi pubblika li huwa benefiċjarju jistax juża kont miżmum minn terzi bħala kollateral/sigurtà għat-twettiq tal-obbligi tiegħu jew tas-sieħeb privat skont il-ftehim PPP;
- (d) l-obbligu għad-detenturi ta' kont miżmum minn terzi biex jgħarraf lill-awtorità maniġerjali, fuq it-talba bil-miktub tagħha, dwar l-ammont ta' fondi fil-kont miżmum minn terzi żborżati, u l-bilanċ tal-kont miżmum minn terzi;
- (e) regoli dwar kif il-fondi li jibqa' fil-kont miżmum minn terzi jiġi żborżati meta jingħalaq il-kont miżmum minn terzi minħabba terminazzjoni tal-ftehim PPP.

Artikolu 5

Rapportar u rekord tal-awditjar

1. Il-ftehim PPP jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' rapportar u ta' żamma tad-dokumenti. Dan il-mekkaniżmu jkun fih l-istess obbligi ta' rapportar u ta' żamma tad-dokumenti bħal dawk tal-benefiċjarju li jgħarrab u jħallas in-nefqa li tkun eliġibbli skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.
2. Il-ftehim PPP jinkludi proċeduri biex jiġi żgurat rekord tal-awditjar adegwat kif stipulat fl-Artikolu 25 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 ⁽¹⁾. Dawn il-proċeduri, b'mod partikolari, jippermettu r-rikonċiljazzjoni tal-ħlasijiet imġarrba u mħallsa mis-sieħeb privat għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni man-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarju lill-Awtorità maniġerjali.

Artikolu 6

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1077**tal-1 ta' Lulju 2015****li japprova emenda mhux minuri fl-Ispesifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Idiazabal (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Spanja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispesifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-orijini "Idiazabal", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ⁽²⁾ kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2317/1999 ⁽³⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat id-domanda għall-emenda f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-Ispesifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-Ispesifikazzjoni ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'rabta mad-denominazzjoni "Idiazabal" (DPO) b'dan hija approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' orijini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠUL 148, 21.6.1996, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2317/1999 tad-29 ta' Ottubru 1999 li jemenda punt fl-Ispesifikazzjoni għall-isem "Idiazabal" elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ismijiet ta' orijini skont il-proċedura preskritta fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠUL 280, 30.10.1999, p. 66).

⁽⁴⁾ ĠU C 70, 27.2.2015, p. 10.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1078**tat-3 ta' Lulju 2015****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010, fir-rigward tas-sustanza "aċidu klodroniku (fil-forma ta' melħ tad-disodju)"****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini fformulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 jirrikjedi li l-limitu massimu ta' residwu (minn issa 'l quddiem l-"MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel, jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, għandu jiġi ffixsat permezz ta' regolament.
- (2) It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ⁽²⁾ tistipula s-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-MRL fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali.
- (3) L-aċidu klodroniku (fil-forma ta' melħ tad-disodju) għadu mhux inkluż f'din it-tabella.
- (4) Intbagħtet applikazzjoni għall-iffissar ta' MRL għall-aċidu klodroniku (fil-forma ta' melħ tad-disodju) fl-ekwidu lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem l-"EMA").
- (5) L-EMA, abbażi tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju, irrakkomandat li l-iffissar tal-limiti massimi ta' residwu għall-klodronat tad-disodju fi speċi ekwini mhuwiex meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, sakemm is-sustanza ma tintużax għal annimali li jipproduċu l-ħalib għall-konsum mill-bniedem.
- (6) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, l-EMA għandha tikkunsidra li tuża l-MRL stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva f'oġġett tal-ikel partikolari minflok f'oġġett tal-ikel ieħor li joriġina mill-istess speċi, jew l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew aktar għal speċijiet oħra.
- (7) L-EMA qieset li l-estrapolazzjoni tal-MRL għall-aċidu klodroniku (fil-forma ta' melħ tad-disodju) għall-ekwidu għal speċijiet oħra li jipproduċu l-ikel ma jkunx xieraq, minħabba li abbażi tal-indikazzjoni proposta u l-mod ta' azzjoni, mhuwiex probabbli li din is-sustanza attiva tiġi użata f'xi speċijiet ta' ikel ieħor għajr iż-żwiemel.
- (8) It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

⁽¹⁾ ĠUL 152, 16.6.2009, p. 11.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠUL 15, 20.1.2010, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan jibda japplika mit-2 ta' Settembru 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, is-sustanza li ġejja qed tiddaħħal fl-ordni alfabetika:

Sustanza farmakoloġika- ment attiva	Residwu markatur	Speċi tal-animali	MRL	Tessuti kkonċernati	Dispożizzjonijiet Oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni terapewtika
“Aċidu klodroniku (fil- forma ta’ melħ tad-di- sodju)	MHUX APPLIKAB- BLI	Ekwidi	MRL mhux neċes- sarju	MHUX APPLIKAB- BLI	Mhux għall-użu f’animali li jipproduċu l-ħalib għall-konsum mill-bniedem	Sistema Muskoskeletal/drogi għat-trattament tal-mard tal- għadam”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1079**tat-3 ta' Lulju 2015****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "eżaflumuron"****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fformulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 jirrikjedi li l-limitu massimu ta' residwi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, jiġi stabbilit f'regolament.
- (2) It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ⁽²⁾ tistipula s-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali.
- (3) L-eżaflumuron għadu mhux inkluż f'din it-tabella.
- (4) Applikazzjoni għall-istabbiliment ta' MRLs għall-eżaflumuron fil-ħut bil-pinen intbagħtet lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "EMA").
- (5) Abbażi tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju, l-EMA rrakkomandat li jiġi stabbilit MRL għall-eżaflumuron għall-ħut bil-pinen, li jkun applikabbli għall-muskoli u għall-ġilda fi proporzjonijiet naturali.
- (6) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, l-EMA għandha tikkunsidra li jew tuża l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva li tinsab f'oġġett tal-ikel partikolari għal oġġett tal-ikel ieħor li ġej mill-istess speċi, jew inkella li tuża l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew aktar għal speċijiet oħrajn.
- (7) L-EMA qieset li, minħabba l-metaboliżmu aktar limitat fil-ħut meta mqabbel mal-metaboliżmu fl-ispeċijiet mammiferi u tat-tjur, l-MRLs għall-eżaflumuron ma jstgħux jiġu estrapolati minn daww għall-ħut bil-pinen għal speċijiet oħrajn li jipproduċu l-ikel.
- (8) Għalhekk, it-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 qed jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 152, 16.6.2009, p. 11.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠUL 15, 20.1.2010, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mit-2 ta' Settembru 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, qed tiddaħħal f'ordni alfabetiku entrata għas-sustanza li ġejja:

Sustanza farmakoloġika- ment attiva	Residwu markatur	Speċi tal-animali	MRL	Tessuti kkonċernati	Dispożizzjonijiet oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni terapewtika
“Eżaflumuron	Eżaflumuron	Ħut bil-pinen	500 µg/kg	Muskolu u ġilda fi proporzjonijiet na- turali	L-EBDA ENTRATA	Aġenti li jaġixxu kontra l-paras- siti/Aġenti li jaġixxu kontra l-ek- toparassiti”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1080**tat-3 ta' Lulju 2015****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "propil 4-idrossibenzoat u l-melħ tas-sodju tiegħu"****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fformulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 jirrikjedi li l-limitu massimu ta' residwi ("MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel jew fil-prodotti bjoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, jiġi stabbilit f'Regolament.
- (2) It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 ⁽²⁾ tistipula s-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali.
- (3) Il-propil 4-idrossibenzoat u l-melħ tas-sodju tiegħu għadhom mhumiex inklużi f'din it-tabella.
- (4) Applikazzjoni għall-istabbiliment ta' MRLs għall-propil 4-idrossibenzoat u l-melħ tas-sodju tiegħu fl-ispeċijiet kollha li jipproduċu l-ikel intbagħtet lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ("EMA").
- (5) Abbażi tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju, l-EMA rrakkomandat li m'hemmx bżonn jiġu stabbiliti limiti massimi ta' residwi għall-propil 4-idrossibenzoat u l-melħ tas-sodju tiegħu fl-ispeċijiet kollha li jipproduċu l-ikel biex titħares saħħet il-bniedem, sakemm dawn is-sustanzi jintużaw bħala preservattivi biss.
- (6) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, l-EMA għandha tikkunsidra li jew tuża l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva li tinsab f'oġġett tal-ikel partikolari għal oġġett tal-ikel ieħor li ġej mill-istess speċi, jew inkella li tuża l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew aktar għal speċijiet oħrajn.
- (7) Minħabba l-opinjoni tal-EMA li l-ebda livell massimu ta' residwi ma għandu jiġi stabbilit għall-propil 4-idrossibenzoat u l-melħ tas-sodju tiegħu, mhix possibbli li ssir estrapolazzjoni għal din is-sustanza.
- (8) Għalhekk, it-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 qed jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 152, 16.6.2009, p. 11.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠUL 15, 20.1.2010, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mit-2 ta' Settembru 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, qed tiddaħħal f'ordni alfabetiku entrata għas-sustanza li ġejja:

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-annimali	MRL	Tessuti kkonċernati	Dispożizzjonijiet oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni terapewtika
“Propil 4-idrossibenzoat u l-melħ tas-sodju tiegħu	MHUX APPLIKAB-BLI	L-ispeċijiet kollha li jipproduċu l-ikel	M'hemm bżonn tal-ebda MRL	MHUX APPLIKAB-BLI	Għall-użu bħala preservattiv biss	L-EBDA ENTRATA”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1081**tat-3 ta' Lulju 2015****li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-Russja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku")⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat l-Istati Membri,

Billi:

A. PROĊEDURA**1. Bidu**

- (1) Fit-8 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") fetħet investigazzjoni antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mir-Russja ("ir-Russja" jew "il-pajjiż ikkonċernat"). Il-Kummissjoni ppubblikat Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea⁽²⁾ ("in-Notifika ta' Bidu").
- (2) Il-proċediment infetaħ wara li sar ilment fil-25 ta' Awwissu 2014 minn AFM Aluminiumfolie Merseburg GmbH, Alcomet AD, Eurofoil Lussemburgu SA, Hydro Aluminium Rolled Products GmbH u Impol d.o.o. "l-ilmentaturi" fisem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' fojls tal-aluminju. L-ilment kien jinkludi evidenza *prima facie* ta' dumping tal-prodott imsemmi u ta' dannu materjali li rriżulta minnu li kienu kkunsidrati biżżejjed biex jiġġustifikaw il-bidu tal-investigazzjoni.
- (3) Fl-4 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ("ir-Regolament bażiku") rigward il-miżuri antidumping definittivi fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") u l-Brażil, permezz ta' Notifika ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea⁽³⁾.

2. Partijiet interessati

- (4) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet kollha interessati biex jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-ilmentaturi, lill-produttur esportatur magħruf u lill-awtoritajiet Russi, lill-importaturi magħrufa, lill-utenti u operaturi tas-suq li kien magħruf li huma interessati bil-bidu tal-investigazzjoni u stednithom biex jipparteċipaw.
- (5) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jikkumentaw dwar il-ftuħ tal-investigazzjoni u jitolbu smiġh mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.
- (6) Il-partijiet interessati ngħataw ukoll l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit fin-Notifika ta' Bidu. Ħadd mill-partijiet interessati ma talab smiġh mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ In-Notifika ta' Bidu ta' proċediment antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina mir-Russja, ĠU C 354, 8.10.2014, p. 14.

⁽³⁾ Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mill-Brażil u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ĠU C 350, 4.10.2014, p. 11.

3. **Kampjunar**

- (7) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ħabbret li tista' tiegħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-Russja.

- (8) Minħabba l-fatt li l-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fir-Russja ssir minn grupp wieħed ta' kumpaniji, il-Grupp Rusal, ma kienx previst it-tehdid ta' kampjuni fin-Notifika ta' Bidu fir-rigward tal-produtturi esportaturi.

Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (9) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet kampjun provviżorju ta' produtturi tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-bejgħ u l-produzzjoni. Dan il-kampjun kien jikkonsisti f'sitt produtturi tal-Unjoni u l-kumpaniji relatati tagħhom, minħabba li l-istruttura interna tal-Gruppi ma kinitx ċara fil-bidu tal-investigazzjoni sa fejn jikkonċerna l-funzjonijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ mill-ġdid tal-prodott ikkonċernat. Il-produtturi tal-Unjoni magħżula għall-kampjun kienu jirrappreżentaw 70 % tal-produzzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom fuq dan il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment sal-iskadenza u għaldaqstant il-kampjun provviżorju kien ikkonfermat. Il-kampjun jitqies bħala rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

Kampjunar tal-importaturi mhux relatati

- (10) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni staqsiet lil importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (11) Ġew ikkuntattjati erbatax-il importatur/utent magħrufa fl-istadju tal-bidu u ġew mistiedna jispjegaw l-attività tagħhom u biex jimlew formola ta' kampjunar meħmuża man-Notifika ta' Bidu, jekk applikabbli.
- (12) Tliet kumpaniji wiegħbu għall-formola ta' kampjunar. Dawn kienu, madankollu, 'rewinders' jiġifieri l-utenti industrijali li kienu qed jimportaw il-prodott ikkonċernat għal aktar ipproċessar qabel ibigħuh mill-ġdid. L-ebda operatur tas-suq ma ppreżenta ruħu. Għalhekk, it-tehdid ta' kampjuni ma huwiex ġustifikat.
- (13) Erba' kumpaniji oħra ppreżentaw ruħhom u ddikjaraw li jew ma jimportawx il-prodott ikkonċernat mir-Russja jew li kienu 'rewinders'. Kwestjonarju tal-utenti ntbaġhat lis-seba' kumpaniji kollha li ppreżentaw ruħhom.

Tweġibiet għall-kwestjonarju u kooperazzjoni

- (14) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lil sitt produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u l-kumpaniji relatati tagħhom, grupp wieħed ta' produtturi esportaturi, u seba' utenti identifikati fl-Unjoni.
- (15) It-tweġibiet għall-kwestjonarju waslu mingħand il-produtturi kollha tal-Unjoni magħżula għall-kampjun, mill-grupp ta' produtturi esportaturi (li jikkonsisti f'żewġ produtturi esportaturi, erba' operaturi tas-suq relatati u tmien fornituri tal-materja prima relatati li jinsabu kollha fir-Russja ħlief żewġ operaturi tas-suq, irreġistrati f'Jersey u l-Iżvizzera,) u minn erba' utenti. Wara t-talba tal-Kummissjoni u fi stadju aktar tard, waslu mill-Grupp Rusal tabelli għall-kwestjonarju riveduti.

Żjarat ta' verifika

- (16) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset neċessarja għall-iskop ta' determinazzjoni provviżorja tad-dumping, il-ħsara li tirriżulta minnha u l-interess tal-Unjoni.
- (17) Minħabba li waħda mill-kumpaniji fil-kampjun iproduċiet matul il-perjodu kkunsidrat kwantitajiet żgħar biss destinati għal użu ristrett ma kienet ikkunsidrata meħtieġa l-ebda żjara ta' verifika.

(18) Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

- AFM Aluminiumfolie Merseburg GmbH, Merseburg, il-Ġermanja
- Alcomet AD, Schumen, il-Bulgarija
- Eurofoil Lussemburgu SA, Dudelange, il-Lussemburgu u l-kumpanija relatata tagħha Eurofoil France SAS, Rugles, Franza
- Hydro Aluminium Slim S.p.a, Cisterna di Latina, l-Italja
- Impol d.o.o., Maribor, is-Slovenja
- Symetal S.A., Ateni, il-Greċja

L-utenti

- Cofresco Frishhalteprodukte GmbH & Co KG, Minden, il-Ġermanja
- CeDo Sp. z o.o., Kaŕty Wrocławskie, il-Polonja
- Sphere Group, Pariġi, Franza

Il-produttur li jesporta fir-Russja

- il-Grupp “Rusal”, li jinkludi:
 - Ural Foil OJSC (“Ural Foil”), ir-reġjun ta’ Sverdlovsk, ir-Russja;
 - OJSC Rusal Sayanal (“Sayanal”), ir-reġjun ta’ Khakassia, ir-Russja;

fimkien ma’ dawn l-operaturi tas-suq u fornituri tal-materja prima relatati:

- Rusal Foil Ltd (“RF”), ir-reġjun ta’ Moska, ir-Russja;
- United Company Rusal Trading House (“Trading House”), ir-reġjun ta’ Moska, ir-Russja;
- Sayanogorsk Aluminium Smelter (“SAZ”), ir-reġjun ta’ Khakassia, ir-Russja;
- Novokuznetsk Aluminium Smelter (NKAZ), ir-reġjun ta’ Kemerovo, ir-Russja.

4. Perjodu tal-investigazzjoni u perjodu kkunsidrat

(19) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu bejn l-1 ta’ Ottubru 2013 u t-30 ta’ Settembru 2014 (“il-perjodu ta’ investigazzjoni”). L-analiżi tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopriet il-perjodu bejn l-2011 sa tmiem il-perjodu ta’ investigazzjoni (“il-perjodu kkunsidrat”).

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

5. Il-prodott ikkonċernat

(20) Il-prodott ikkonċernat huwa fojl tal-aluminju ta’ ħxuna mhux inqas minn 0.008 mm u mhux aktar minn 0.018 mm, mhux miksi, irrumbat biss, f’rombli ta’ wisa’ mhux aktar minn 650 mm u ta’ piż aktar minn 10 kg (“rombli jumbo”) li joriġina mir-Russja, li bħalissa jaqa’ taħt il-kodiċi NM ex 7607 11 19 (kodiċi TARIC 7607 11 19 10) (“il-prodott ikkonċernat”). Il-prodott ikkonċernat hu komunement magħruf bħala fojl tal-aluminju tad-dar (aluminium household foil — “AHF”).

- (21) L-AHF jiġi manifatturat abbażi ta' aluminju pur, li l-ewwel nett jiġi fondut fi strixxi ħoxnin (ta' ħxuna li hija ta' diversi mm, jiġifieri sa 1 000 darba eħxen mill-prodott ikkonċernat) u wara jiġu rrumblati fi stadji differenti fil-ħxuna mixtieqa. Ladarba jkun irrumblat, il-fojl huwa temprat bi proċess termali u fl-aħħar jiġi ppreżentat fuq rukkelli (rombli).
- (22) Dawn rukkelli ta' AHF jerġgħu jiġu rrumblati f'rombli iżgħar minn proċessuri fl-istadju aħħari tal-produzzjoni, l-hekk imsejħa rewinders. Il-prodott miksub (jiġifieri rombli għall-konsumatur li mhuwiex il-prodott ikkonċernat) huwa użat għal tgeżwir għal perjodu qasir, l-aktar fid-djar, fil-catering u fin-negozju tal-bejgħ bl-imnut tal-ikel u tal-fjuri.

6. Il-prodott simili

- (23) L-investigazzjoni wriet li l-prodott ikkonċernat, il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku Russu, u l-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi, kif ukoll l-istess użi bażiċi.
- (24) Għaldaqstant f'dan l-istadju l-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma simili fit-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

7. Dikjarazzjonijiet dwar l-ambitu tal-prodotti

- (25) Importatur sostna li l-ambitu tal-prodott għandu jinkludi AHF li jiżen 10 kg jew anqas (l-hekk imsejħa 'rombli tal-konsumatur'). Dan l-importatur sostna li ma kienx hemm differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bejn ir-rollijiet magħmulin għall-konsumatur u rombli jumbo. L-importatur sostna wkoll li jekk jiġu imposti dazji antidumping fuq ir-rombli jumbo biss, dan jista' jwassal għal esportazzjonijiet ta' rollijiet għall-konsumaturi mingħajr dazji antidumping mir-Russja.
- (26) Il-karatteristika fiżika li tiddistingwi r-rollijiet jumbo min-naħa l-waħda u r-rollijiet għall-konsumaturi min-naħa l-oħra huwa l-piż. Barra minn hekk, dan jikkorrispondi wkoll għall-kodiċi NM. Apparti dan, l-industrija tal-Unjoni kif definita fil-premessa (53) tipproduċi biss rollijiet jumbo u ma tipproduċix rombli tal-konsumatur. Ir-rombli jumbo huma mixtrija u mbaġħad ipproċessati f'rombli għall-konsumatur minn rewinders, li mbaġħad jerġgħu jbigħu il-prodott lill-bejjiegħa bl-imnut u lill-utenti aħħarin. Ir-rombli jumbo u r-rombli tal-konsumatur għalhekk għandhom karatteristiċi fiżiċi differenti, mhumiex manifatturati mill-istess produtturi, ma jkkompetux ma' xulxin u ma jiġux innegozjati fl-istess suq.
- (27) Għalhekk, it-talba li r-rombli tal-konsumatur għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tal-prodott ta' din l-investigazzjoni ġiet miċħuda.
- (28) Rigward l-effett ta' xi dazji antidumping fuq rombli jumbo fuq l-industrija iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet, dan huwa indirizzat hawn taħt fil-premessi (151) sa (163) dwar l-interess tal-Unjoni.

C. ID-DUMPING

8. Il-valur normali

- (29) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku għal kull produttur esportatur investigat kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ bl-esportazzjoni tiegħu tal-prodott konċernat lill-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (30) Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali ta' produttur esportatur wieħed instab li ma kienx rappreżentattiv. Għal dan il-produttur esportatur li kkoopera minħabba li l-prodott simili ma ġiex mibjugħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali, skont l-Artikoli 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

- (31) Il-valur normali għal dan il-produttur esportatur li kkoopera nħadem biż-żieda ta' dan li l-ispiża medja tal-produzzjoni tal-prodott simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni:
- (a) l-ispejjeż tal-bejgħ, dawk ġenerali u amministrattivi (l-"SG&A") medji ponderati, imġarrbin mill-produttur esportatur li kkoopera għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament normali tan-negozju, matul il-perjodu tal-investigazzjoni; kif ukoll
 - (b) il-profitt medju ponderat magħmul minn kull produttur esportatur li kkoopera mill-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament normali tal-kummerċ, matul il-perjodu tal-investigazzjoni.
- (32) Fir-rigward tal-produttur esportatur l-ieħor, instab li l-bejgħ domestiku totali kien rappreżentattiv b'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku (ara l-premessa (29) hawn fuq).
- (33) Il-Kummissjoni sussegwentement identifikat it-tipi ta' prodott mibjugħa lokalment li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil konsumaturi indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli. Il-Kummissjoni stabbiliet li fil-każ ta' 5 tipi ta' prodott minn 14-il tip tal-prodott esportati kienu jaqblu mal-bejgħ domestiku rappreżentattiv.
- (34) Fejn ma kien hemm l-ebda bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari u għal tipi ta' prodotti fejn il-volum tal-bejgħ domestiku ma kienx biżżejjed, il-valur normali nħadem skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku, kif deskritt fil-premessa (31) aktar 'il fuq.
- (35) Imbagħad il-Kummissjoni ddefinixxiet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (36) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:
- (a) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li hu daqs jew ogħla mill-ispiża kkalkolata tal-produzzjoni, jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll
 - (b) il-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott hu daqs jew ogħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (37) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (38) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li aktar minn 90 % tal-bejgħ domestiku ħalla profitt u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Għalhekk, il-valur normali ġie kkalkulat bħala l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni għal ħames tipi ta' prodotti b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

9. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (39) Il-produtturi esportaturi li kkooperaw esportaw lejn l-Unjoni permezz ta' operatur tas-suq relatat RTI Ltd. ("RTI") b'sede korporattiva f'Jersey. Dan l-operatur tas-suq jixtri l-prodott ikkonċernat mill-produtturi permezz ta' żewġ aġenti relatati bbażati f'Moska. Wara, huwa jerġa' jbiegħ il-prodott konċernat lill-konsumaturi aħħarin permezz ta' aġent ieħor ibbażat fl-Iżvizzera. It-tliet aġenti relatati kollha jagħmlu attivitajiet ta' bejgħ fisem il-produtturi jew l-operatur tas-suq relatat u jitħallsu permezz ta' kummissjoni kull xahar.

- (40) Minħabba dan, u skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-esportazzjoni ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott impurtat kien inbiegħ mill-ġdid għall-ewwel darba lil konsumaturi indipendenti fl-Unjoni. F'dan il-każ, saru aġġustamenti għall-prezz għall-ispejjeż kollha li ntefqu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid (l-aktar l-ispejjeż tat-trasport u tal-assigurazzjoni, l-ispejjeż tal-kreditu, id-dazji doganali u t-tariffi tal-amministrazzjoni doganali) u inklużi l-ispejjeż SG&A korrispondenti tal-operatur tas-suq kif ukoll marġni ta' profitt raġonevoli.
- (41) Tabilħaqq, fir-rigward tal-ispejjeż SG&A il-Kummissjoni, fuq il-bażi tad-dejta ppreżentata mill-grupp Rusal għall-bejgħ tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni, ħadet l-ammont tal-ispejjeż korrispondenti attwali tal-SG&A. Dan kien ammont li l-operatur tas-suq relatat kien diġà identifika u alloka għall-attivitajiet ta' importazzjoni għall-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni, skont il-kalkoli u prinċipji ta' allokkazzjoni tiegħu stess. Il-Kummissjoni żgurat ukoll li ma kienx hemm addizzjoni doppja ta' spejjeż u kwalunkwe spejjeż mhux relatati mal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat ma kinux inklużi f'dak l-ammont. Għalhekk, l-ammont għall-ispejjeż SG&A, użat mill-Kummissjoni biex ħadmet il-prezz tal-esportazzjoni affidabbli, kien strettament relatat mal-ispejjeż imġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.
- (42) Fir-rigward tal-profitt, il-profitt miksub mill-operatur tas-suq relatat kien meqjus bħala mhux affidabbli minħabba l-assoċjazzjoni mal-produtturi esportaturi, peress li l-prezz innifsu bejniethom ma kinitx affidabbli. Fl-assenza ta' informazzjoni minn importaturi indipendenti f'din l-investigazzjoni, intuża marġni ta' profitt raġonevoli ta' 2 % użat f'investigazzjonijiet preċedenti li jkopru l-istess prodott⁽¹⁾.
- (43) Fir-rigward ta' dan it-tnaqqis għall-ispiża tal-SG&A u l-profitt, il-grupp Rusal sostna li l-operatur tas-suq relatat (RTI) għandu jiġi ttrattat bħala dipartiment intern ta' esportazzjoni tal-produtturi esportaturi tiegħu, peress li kollha kemm huma jaġixxu bħala entità ekonomika waħda (SEE) minkejja li huma entitajiet legali separati. Bħala konsegwenza, il-grupp Rusal sostna li l-ebda tnaqqis ma kellu jsir għall-SG&A u l-profitt ta' RTI.
- (44) Madankollu, huwa kkunsidrat li, meta jkun hemm assoċjazzjoni bejn il-produttur esportatur u l-importatur jew parti terza, il-prezz tal-esportazzjoni huwa meqjus bħala mhux affidabbli u għandu jinħadem wieħed ta' min jorbot fuqu. Biex jinħadem prezz ta' esportazzjoni affidabbli l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku b'mod ċar jipprevedi aġġustamenti għall-ispejjeż kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid u għall-profitti li jirriżultaw. Dawn l-ispejjeż jinkludu l-ispejjeż SG&A. Il-ħsieb u l-għan tal-aġġustamenti huwa l-aktar biex irendi l-prezz tal-esportazzjoni affidabbli. Għaldaqstant, din il-pretenzjoni kellha tiġi miċħuda.

10. Tqabbil

- (45) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fuq bażi ta' prezz mill-fabbrika.
- (46) Meta dan kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.
- (47) Rigward il-prezzijiet tal-esportazzjoni, saru aġġustamenti għall-ispejjeż tat-trasport, tal-assigurazzjoni, tal-immuniġġjar, l-ippakkjar, taxxi fuq l-esportazzjoni u għall-kummissjonijiet. Fir-rigward tal-prezzijiet domestiċi, saru aġġustamenti għall-ispejjeż tat-trasport domestiku, l-ispejjeż tal-ippakkjar, l-ispejjeż tal-kreditu, il-maniġġ u l-kummissjonijiet.

11. Marġini tad-dumping

- (48) Għaż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, fuq bażi ta' prezz tal-fabbrika, skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

⁽¹⁾ ĠUL 94, 8.4.2009, p. 17, premessi (72) u (80).

- (49) minħabba li dawn iż-żewġ produtturi li kkooperaw huma relatati, kien stabbilit marġni tad-dumping uniku għaż-żewġ kumpaniji fuq il-bażi tal-medja ponderata tal-marġnijiet tad-dumping individwali tagħhom.
- (50) Fuq il-bażi ta' dan, il-marġni tad-dumping medju ponderat espress bħala perċentwal tal-prezz CIF (il-kost, l-assigurazzjoni, il-merkanzija) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huwa kif ġej:

Il-kumpanija	Marġni provviżorju tad-dumping
Il-grupp Rusal: Ural Foil OJSC u OJSC Rusal Sayanal	34,0 %

- (51) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-uniku produttur ta' AHF li jeżisti fir-Russja responsabbli għal 100 % tal-importazzjonijiet fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ikkoopera fl-investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġni ta' sussidju residwu fil-livell tal-marġni ta' dumping individwali stabbilit għall-kumpanija li kkooperat.
- (52) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Il-kumpanija	Marġni provviżorju tad-dumping
Il-grupp Rusal	34,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	34,0 %

D. DANNU

1. Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (53) Il-prodott simili kien manifatturat minn tnax-il produttur magħruf tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-“industrija tal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (54) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal madwar 47 349 tunnellata metrika. Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-figura fuq il-bażi ta' statistika tal-Eurostat, it-tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u d-dejta mistennija relatata mal-produtturi mhux fil-kampjun u fornita mill-ilmentaturi. Kif indikat fil-premessa (9), il-produtturi tal-Unjoni magħżula għall-kampjun jirrappreżentaw aktar minn 70 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.
- (55) Il-produttur esportatur sostna li l-ilmentaturi kienu attivi fil-produzzjoni tal-AHF. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-ilmentaturi kollha u l-kumpaniji relatati tagħhom taqbilħaqq ipproduċew, anki fi kwantitajiet żgħar, il-prodott ikkonċernat u għalhekk, din it-talba ġiet miċħuda.

2. Konsum tal-Unjoni

- (56) Dejta dwar il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, l-impjegji u l-volum ta' esportazzjoni relatati mal-industrija kollha tal-Unjoni għall-perjodu meqjus kienet fornita mill-ilmentaturi. Id-dejta ġiet stmata u fornita fuq il-bażi ta' firxa massima u minima, maqsuma f'żewġ kategoriji: il-produtturi tal-Unjoni magħżula fil-kampjun kif ukoll produtturi tal-Unjoni li ma ttiħdux fil-kampjun. Għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-Kummissjoni użat id-dejta attwali verifikata mogħtija minn dawn il-kumpaniji fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju. Għall-produtturi tal-Unjoni mhux inklużi fil-kampjun, intużaw iċ-ċifri pprovvduti mill-ilmentaturi. Dawn l-istimi kienu disponibbli biex jikkumentaw dwarhom il-partijiet interessati. Madankollu ma saru ebda kummenti.

- (57) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum fl-Unjoni fuq il-bażi tal-volum ta' bejgħ totali stmat tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-volum totali ta' importazzjonijiet ibbażat fuq l-Eurostat u korreġut, fejn meħtieġ, bid-dejta vverifikata li pprova l-produttur esportatur u bir-risposti għall-kwestjonarju ppreżentati mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.
- (58) Peress li fil-pajjiż konċernat hemm produttur wieħed biss li jesporta, iċ-ċifri kollha relatati miegħu kellhom jingħataw f'firxa għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.
- (59) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni tal-MSG (tunnellati metriċi)

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investi-gazzjoni
Konsum tal-Unjoni	71 300 -82 625	[74 152-92 540]	[84 847-108 239]	[83 421-105 760]
Indiċi (2011 = 100)	100	[104-112]	[119-131]	[117-128]

Sors: Eurostat, tweġibiet għall-kwestjonarju u l-informazzjoni mogħtija mill-ilmentaturi

- (60) Il-konsum fl-Unjoni żdied bejn l-2011 u l-2013, iżda naqas fl-2013 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Kumplessivament, tul il-perjodu kkunsidrat l-konsum naqas bejn 17 % u 28 %. Iż-żieda fil-konsum bejn l-2011 u l-perjodu ta' investigazzjoni, prinċipalment tirrifletti ż-żieda ta' importazzjonijiet mir-Russja u minn pajjiżi terzi oħra, filwaqt li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdied bi ftit biss (ara l-premessa (82)).

3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

- (61) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet fuq tal-Eurostat u tad-dejta sottomessa mill-produtturi li kkooperaw fil-pajjiżi konċernati.
- (62) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum ta' Importazzjoni (tunnellati metriċi)

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investi-gazzjoni
Il-volum tal-importazzjonijiet mir-Russja	19 532 -26 078	[23 243-34 422]	[27 345-39 116]	[26 368-37 812]
Indiċi (2011 = 100)	100	[119-132]	[140-150]	[135-145]
Sehem mis-suq	29 %	34 %	34 %	34 %

Sors: Eurostat, tweġibiet għall-kwestjonarju u l-informazzjoni mogħtija mill-ilmentaturi

- (63) Il-volum ta' importazzjonijiet mir-Russja żdied bejn 40 % u 50 % mill-2011 sal-2013, bi tnaqqis żgħir matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

- (64) Is-sehem mis-suq korrispondenti żdied minn 29 % fl-2011 għal 34 % fl-2012 u mbagħad baqa' kostanti sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni.

Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz

- (65) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet medji ponderatati tal-importazzjonijiet skont l-Eurostat u d-dejta ppreżentata mill-produtturi li kkooperaw fil-pajjiżi kkonċernati. It-twaqqigħ tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat kien stabbilit fuq il-bażi tar-risposti għall-kwestjonarju ppreżentati mill-produttur esportatur Russu li kkoopera u mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.
- (66) Il-prezz medju ta' importazzjoni ta' AHF mir-Russja lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata metrika)

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Prezzijiet tal-Importazzjoni	2 145 -2 650	[2 038-2 624]	[1 952-2 571]	[1 973-2 597]
Indiċi (2011 = 100)	100	[95-99]	[91-97]	[92-98]

Sors: Eurostat u r-risposti tal-kwestjonarji

- (67) Il-prezz medju tal-importazzjoni tal-AHF mir-Russja lejn l-Unjoni naqas matul il-perjodu kkunsidrat; b'mod ġenerali naqas bejn 2 % u 8 %.
- (68) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet: (a) il-prezzijiet ta' bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-industrija tal-Unjoni ċċarġjati lil konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' prezz mill-fabbrika; u (b) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Russi li kkooperaw mal-ewwel klient indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.
- (69) Il-paragun tal-prezzijiet sar abbażi tat-tip ta' prodott għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, debitament aġġustati fejn meħtieġ. Ir-riżultat tal-paragun kien espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġini ta' twaqqigħ tal-prezzijiet b'medja ponderata bejn 3 % u 7 % mill-importazzjonijiet mir-Russja fis-suq tal-Unjoni.
- (70) Filwaqt li huwa sinifikanti, wieħed irid jara dan it-twaqqigħ tal-prezzijiet fid-dawl tal-fatt li l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni li twaqqgħu matul il-perjodu ta' investigazzjoni mill-prezzijiet ta' dumping mir-Russja kienu inqas mill-kost tal-produzzjoni. Kif kien spjegat fil-premessi (177) u (179), il-bejgħ taħt il-prezz li pproduċew il-prezzijiet Russi huwa ta' medja madwar 12 %.

4. Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.1. Rimarki ġenerali

- (71) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżaminazzjoni tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.
- (72) Kif imsemmi fil-premessa (9), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

- (73) Għad-determinazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi ta' dannu makroekonomiku u mikroekonomiku. Kif spjegat fil-premessa (56), il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi relatati mal-industrija kollha tal-Unjoni fuq il-bażi ta' informazzjoni fornita mill-ilmentaturi li għet debitament verifikata għall-kumpaniji fil-kampjun. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi li jirrigwardaw biss il-kumpaniji fil-kampjun fuq il-bażi tad-dejta inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' dejta nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (74) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjigi, il-produttività u d-daqs tal-marġini tad-dumping.
- (75) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost unitarju, il-kost lavorattiv, l-inventarji, il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-abbiltà li jiġi ġġenerat kapital.

4.2. Indikaturi makroekonomiċi

4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità produttiva u l-użu tal-kapaċità

- (76) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 4

Il-produzzjoni, il-kapaċità produttiva u l-użu tal-kapaċità

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-produzzjoni (tunnellati metriċi)	44 316	46 165	48 796	47 349
Indiċi (2011 = 100)	100	104	110	107
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati metriċi)	54 777	54 485	59 186	61 496
Indiċi (2011 = 100)	100	99	108	112
Użu tal-kapaċità	81 %	85 %	82 %	77 %
Indiċi (2011 = 100)	100	105	102	95

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju, l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi

- (77) Il-produzzjoni varjat matul il-perjodu kkunsidrat. Dan żdied bejn l-2011 u l-2013, iżda reġa' naqas fl-2013 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Kumplessivament, tul il-perjodu kkunsidrat l-volum ta' produzzjoni żdied b'7 %.
- (78) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (79) Bħala riżultat ta' żieda ogħla fil-kapaċità ta' produzzjoni mhux fil-volum tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità naqas b'5 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (80) Il-produttur esportatur iddikjara li l-produtturi kollha ta' AHF huma kapaċi jipproduċu wkoll tip ieħor ta' fojl, jiġifieri l-aluminium converter foil ("ACF"), u li kienu qed jużaw l-istess makkinarju għall-produzzjoni taż-żewġ tipi ta' fojl. Abbażi ta' dan il-produttur esportatur iddikjara li d-dejta tal-industrija tal-Unjoni dwar il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità ta' AHF iġġarrab distorsjoni.

- (81) Għalkemm huwa minnu li bosta produttori tal-Unjoni kienu qed jipproduċu kemm ACF kif ukoll AHF, l-investigazzjoni wriet li l-ikbar produttori tal-Unjoni fil-kampjun kienu qed jipproduċu biss AHF. Għall-produtturi l-oħra tal-Unjoni fil-kampjun, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità kienu bbażati fuq iċ-ċifri attwali u għalhekk il-fatt li dawn kienu wkoll qed jipproduċu ACF ma kellux effett fuq il-kapaċità tal-produzzjoni totali rrappurtata u fuq l-użu tal-kapaċità tal-AHF. Fl-aħħar nett, l-investigazzjoni wriet li produttori tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kellhom proporzjon ta' produzzjoni stabbli bejn iż-żewġ tipi ta' fojls. Għaldaqstant, dan l-argument f'dan l-istadju għe rrifjutat.

4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

- (82) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 5

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-bejgħ (tunnel-lati)	[41 007-45 870]	[41 007-49 081]	[42 647-52 292]	[41 827-50 457]
Indiċi (2011 = 100)	100	[100-107]	[104-114]	[102-110]
Sehem mis-suq	55 %	53 %	49 %	47 %

Sors : tweġibiet għall-kwestjonarju, l-Eurostat, l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi

- (83) Il-volum tal-bejgħ ta' AHF żdied bi ftit matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-bejgħ żdied l-aktar mill-2011 sal-2013, jiġifieri bejn 4 % u 14 %. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-volum tal-bejgħ naqas; kumplessivament, il-volum tal-bejgħ żdied bejn 2 % u 10 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda fil-volumi tal-bejgħ, meta wieħed iqis iż-żieda parallela fil-konsum u ż-żieda fl-importazzjonijiet *inter alia* mir-Russja, wasslet, madankollu, għal tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni minn 55 % fl-2011 għal 47 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri tnaqqis ta' 8 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni ħabat ma' żieda fis-sehem mis-suq ta' importazzjonijiet Russi kif spjegat fil-premessa (64).

4.2.3. It-tkabbir

- (84) Filwaqt li l-konsum tal-Unjoni naqas bejn 17 % u 28 % matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied bejn 2 % u 10 % li sarraf ftelf ta' sehem mis-suq ta' 8 punti perċentwali.

4.2.4. L-impjegati u l-produttività

- (85) L-impjegati u l-produttività żviluppaw kif ġej tul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

L-impjegati u l-produttività

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Għadd ta' impjegati	769	787	758	781
Indiċi (2011 = 100)	100	102	99	102
Produttività (tunnellati metriċi/impjegati)	58	59	64	61
Indiċi (2011 = 100)	100	102	112	105

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju, l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi

- (86) L-impjegji tal-industrija tal-Unjoni varja matul il-perjodu kkunsidrat u b'kollox żdiedu ftit bi 2 %.
- (87) Bejn l-2011 u l-2013, il-produttività żdiedet minħabba ż-żieda fil-produzzjoni ogħla miż-żieda fl-impjegji kif muri fit-Tabella 4 fil-premessa (77). Mill-2013 sal-perjodu ta' investigazzjoni, il-produzzjoni naqset b'7 % iżda baqgħet ogħla milli fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat fl-2011.

4.2.5. Id-daqs tal-marġini tad-dumping u l-irkupru minn dumping fl-imgħoddi

- (88) Il-marġini kollha tad-dumping huma konsiderevolment ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġini attwali ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni huwa sostanzjali, minħabba l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.
- (89) L-industrija tal-Unjoni kienet għadha fi proċess ta' rkupru mill-effetti ta' dumping dannuż fil-passat minn importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġina miċ-Ċina, l-Brażil u l-Armenja. Dawn il-miżuri huma bħalissa suġġetti għal investigazzjoni ta' rieżami parallela li qed issir skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi fil-premessa (3).

4.3. Indikaturi mikroekonomiċi

4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

- (90) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Il-prezzijiet medji tal-bejgħ

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju ta' bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/tunnellata metrika)	2 932	2 714	2 705	2 597
Indiċi (2011 = 100)	100	93	92	89
Il-kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata metrika)	2 995	2 794	2 699	2 651
Indiċi (2011 = 100)	100	93	90	89

Sors : tweġibiet għall-kwestjonarju

- (91) Il-prezz tal-bejgħ unitarju medju tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas kontinwament u kumplesivament bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (92) Minkejja dan it-tnaqqis, il-kost unitarju tal-produzzjoni baqa' ogħla mill-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tkopri l-kost tal-produzzjoni tagħha bil-prezz tal-bejgħ, bl-eċċezzjoni tal-2013. Tabilħaqq, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħolli l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha minħabba l-pressjoni tal-prezz tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-Russja.
- (93) Diversi partijiet interessati sostnew li l-iżvilupp tal-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni segwa l-iżvilupp tal-prezz tal-aluminju fil-Borża tal-Metall ta' Londra u li għalhekk il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Russi ma kellhom ebda impatt fuq il-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Skont dawn il-partijiet, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Russi waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. L-investigazzjoni wriet li l-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni segwa l-istess tendenza bħall-prezzijiet tal-aluminju fil-Borża

tal-Metall ta' Londra. Madankollu, dan ma kellux effett fuq il-fatt li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Russi kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u kienu qed jagħmlu pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, li ma ppermettix li l-industrija tal-Unjoni tgħolli l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha għal livell li jista' jkopri l-ispiża tal-produzzjoni. Għaldaqstant dan l-argument ma għandux jintlaqa'.

4.3.2. Kostijiet tal-manodopera

- (94) L-ispejjeż medji tal-manodopera tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Spejjeż medji tax-xogħol għal kull impjegat

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	21 692	22 207	20 603	20 594
Indiċi (2011 = 100)	100	102	95	95

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

- (95) Bejn l-2011 u l-perjodu ta' investigazzjoni, il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdiedu b'5 %. L-ispiża lavorattiva l-ewwel żdiedet bi 2 % bejn l-2011 u l-2012, imbagħad naqset bejn l-2012 u l-2013 u mbagħad baqgħet stabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.3.3. Inventarji

- (96) Il-livelli tal-istokk tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 9

Inventarji

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Stokkijiet tal-għeluq	1 931	1 999	2 133	2 085
Indiċi (2011 = 100)	100	104	110	108
Il-ħażna tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	5 %	5 %	5 %	5 %
Indiċi (2011 = 100)	100	100	100	100

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

- (97) L-inventarji ma jistgħux jitqiesu bħala indikatur relevanti ta' dannu f'dan is-settur, billi l-produzzjoni u l-bejgħ huma bbażati l-aktar fuq ordnijiet u, skont dan, il-produtturi normalment iżommu ħażniet limitati. Għalhekk, ix-xejriet fuq l-inventarji huma mogħtija għall-informazzjoni biss.
- (98) Kumplessivament, l-istokks tal-għeluq żdiedu bi 8 % matul il-perjodu kkunsidrat. Filwaqt li mill-2011 sal-2013 l-istokks żdiedu b'10 %, mil-2013 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni naqsu kemxejn. L-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni baqgħu stabbli matul il-perjodu kollu kkunsidrat.

4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investment, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jżied il-kapital

- (99) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw hekk matul il-perjodu kunsidrat:

Tabella 10

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ)	- 2,2 %	- 2,9 %	0,2 %	- 2,1 %
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	65	209	104
Fluss tal-flus (EUR)	1 505 960	2 909 820	3 365 140	1 962 349
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	193	223	130
Investimenti (EUR)	3 271 904	5 404 990	4 288 862	4 816 442
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	165	131	147
Redditi fuq l-investimenti	- 4 %	- 5 %	0 %	- 3 %
<i>Indiċi (2011 = 100)</i>	100	60	209	108

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju

- (100) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi l-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni ngħata bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf bl-eċċezzjoni tal-2013, meta hija għamlet marġni ta' profitt ftit aħjar mill-punt tal-ekwilibriju. Il-profittabbiltà naqset bejn l-2011 u l-2012, żdiedet fl-2013 iżda imbagħad reġgħet' naqset fil-perjodu ta' investigazzjoni fejn laqget livell simili għal dak tal-2011. Kumplessivament, il-profitt żdied b'4 % matul il-perjodu kkunsidrat, li jikkorrispondi għal żieda ta' 0,1 punti perċentwali u li ma ppermettietx li l-industrija tal-Unjoni tagħmel profitti matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan l-iżvilupp kien prinċipalment minħabba l-pressjoni tal-prezz tal-importazzjonijiet Russi li daħlu fl-Unjoni bi prezzijiet ta' dumping li kienu jwaqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni u ma ppermettewx li l-industrija tal-Unjoni tistabbilixxi l-prezzijiet tagħha biex tkopri ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni.
- (101) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja waħedha l-attività tagħha. Il-fluss tal-flus varja matul il-perjodu kkunsidrat b'xejra tiżdied gradwalment. Kumplessivament, il-fluss tal-flus nett żdied bi 30 % matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, għandu jiġi nnutat li f'valuri assoluti l-fluss tal-flus baqa' flivelli baxxi meta mqabbel mat-total tal-bejgħ tal-prodott in kwistjoni.
- (102) L-investimenti żdiedu b'47 % matul il-perjodu kkunsidrat. L-investimenti żdiedu b'65 % mill-2011 sal-2012, naqsu matul l-2013 u reġgħu' żdiedu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huma kienu jirrappreżentaw prinċipalment investimenti meħtieġa għal makkinarju ġdid u baqgħu flivelli pjuttost baxxi matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbla mal-fatturat totali.

- (103) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur nett kontabilistiku tal-investimenti. Bħal fil-każ tal-indikaturi finanzjarji l-oħrajn, ir-redditu fuq l-investment mill-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili kien negattiv mill-2011, bl-eċċezzjoni tal-2013 meta kien 0 %, li jirrifletti t-tendenza negattiva fil-profittabbiltà. Kumplessivament, ir-redditu fuq l-investimenti żdied kemxejn bi 8 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (104) F'dak li jirrigwarda l-abbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital, id-deterjorament tal-abbiltà li jiġu ġġenerati flus għall-prodott simili tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kien qiegħed idgħajef is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom billi naqqas il-fondi ġġenerati internament. L-investigazzjoni sabet li, b'mod ġenerali, l-abbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital marret għall-aġġar matul il-perjodu kkunsidrat.

5. Konklużjoni dwar id-dannu

- (105) Il-maġġoranza tal-indikaturi ewlenin tad-dannu indikaw xejra negattiva. Rigward il-profittabbiltà, l-industrija kienet qed tagħmel telf kważi matul il-perjodu kkunsidrat kollu, bl-eċċezzjoni tal-2013 meta dan laħaq livell f'it biss ogħla mill-punt ta' ekwilibriju; matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni għamlet profit negattiv ta' - 2,1 %. L-importazzjonijiet l-oħrajn naqsu bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-kost unitarju li naqas ukoll bi 11 % baqa' ogħla mill-prezz medju tal-bejgħ matul il-perjodu kkunsidrat kollu, bl-eċċezzjoni tal-2013. Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 8 punti perċentwali, jiġifieri minn 55 % fl-2011 għal 47 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (106) Xi indikaturi tal-ħsara żviluppaw b'mod pożittiv matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-produzzjoni żdied b'7 % u l-kapaċità tal-produzzjoni bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn iż-żidiet madankollu ma kinux jaqblu maż-żieda fil-konsum, li kien ferm ogħla, jiġifieri bejn 17 % u 28 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-bejgħ żdied bejn 2 % u 10 % matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, f'suq b'żieda fil-konsum, dan ma rriżultax f'żieda tas-sehem mis-suq, iżda għall-kuntrarju għal telf ta' sehem mis-suq ta' 8 punti perċentwali. L-investimenti żdiedu b'47 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn kienu jikkonċernaw makkinarju ġdid u baqgħu flivelli baxxi matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Bl-istess mod, il-likwidità żdiedet bi 30 % matul il-perjodu kkunsidrat iżda baqgħet flivelli baxxi. Dawn ix-xejriet pożittivi ma jipprekludux l-eżistenza ta' dannu.
- (107) L-awtoritajiet Russi ddikjaraw li skont l-analiżi ta' dokumenti finanzjarji tal-ilmentaturi disponibbli pubblikament ma jkun hemm l-ebda dannu. Dan jikkontradixxuh ir-riżultati tal-investigazzjoni li huma bbażati fuq dejta vverifikata mill-industrija tal-Unjoni relatata mal-AHF. Tabilħaqq, xi produtturi tal-Unjoni ma pproduċewx eskklusivament AHF u għalhekk id-dokumenti finanzjarji disponibbli għall-pubbliku ma jistgħux juru s-sitwazzjoni attwali tal-industrija tal-Unjoni għall-AHF. Għalhekk, konklużjonijiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku ma għandhomx ikunu bbażati fuq dokumenti finanzjarji disponibbli pubblikament iżda fuq l-informazzjoni aktar dettaljata u vverifikata disponibbli fl-investigazzjoni. Għaldaqstant din it-talba kienet miċħuda.
- (108) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

E. KAWŻALITÀ

- (109) Skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufa setgħux fl-istess ħin ikunu ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurata li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħra għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-Russja ma kienx attribwit lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma:
- (a) L-effett ta-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra
 - (b) Żvilupp tal-konsum tal-Unjoni(c) Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni
 - (d) L-attività tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-aluminium converter foils ('ACF')
 - (e) Il-prezzijiet tal-materja prima

1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

- (110) Sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet tal-MSG li joriġinaw mill-Russja li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni analizzat l-volum u l-livelli tal-prezz tal-importazzjonijiet taħt investigazzjoni u l-limitu sa fejn dawn ikkontribwew għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.
- (111) L-investigazzjoni wriet li matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezz baxx mir-Russja żdiedu bejn 35 % u 45 %, u wasslu għal żieda fis-sehem mis-suq ta' madwar 5 punti perċentwali fl-istess perjodu. Din iż-żieda kkoïncidiet ma' telf fis-sehem mis-suq ta' 8 punti perċentwali mill-industrija tal-Unjoni.
- (112) Fl-istess waqt, il-prezzijiet ta' importazzjoni mir-Russja kienu qed jagħmlu pressjoni fuq is-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet tiegħu naqsu bejn 2 % u 8 % matul il-perjodu kkunsidrat u kienu qed iwaqqgħu il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, li kienet qed tagħmel it-telf, b'medja ta' bejn 3 % u 7 % li wassal għal marġini ta' nuqqas ta' bejgħ ta' madwar 12 %. Filwaqt li huwa sinifikanti bħala tali, wieħed irid jara dan it-twaqqiġ tal-prezzijiet fid-dawl tal-fatt li l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu inqas mill-kost tal-produzzjoni. L-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-prezzijiet tagħha matul il-perjodu kkunsidrat sabiex jiġi evitat aktar telf ta' sehem mis-suq.
- (113) Madankollu, l-importazzjonijiet Russi ħadu post il-biċċa l-kbira tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Brażiljani u Ċiniżi wara l-impożizzjoni ta' miżuri kontra dawn il-pajjiżi u l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tirkupra għal kollox minn prassi preċedenti ta' dumping minn dawn il-pajjiżi. Dan wassal għal telf fl-industrija tal-Unjoni mill-2011 sal-perjodu ta' investigazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-2013, meta l-profittabbiltà kienet kemxejn pożittiva, madankollu kienet għadha taħt il-profitt fil-mira ta' 5 % (ara premessi (176) u (177)).
- (114) Il-produttur esportatur sostna li ż-żieda tal-importazzjonijiet mir-Russja hija dovuta għall-impożizzjoni tal-miżuri kontra ċ-Ċina, il-Brażil u l-Armenja minħabba li dawn il-miżuri tejbju l-aċċess għas-suq tal-Unjoni minn pajjiżi terzi oħra, inkluża r-Russja.
- (115) L-investigazzjoni wriet li l-esportazzjonijiet Russi tabilħaqq issostitwew fil-biċċa l-kbira s-sehem mis-suq fl-Unjoni taċ-Ċina u l-Brażil. Madankollu, l-importazzjonijiet Russi saru bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, li waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u kkoïncidew ma' deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Fuq din il-bażi tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara bejn l-importazzjonijiet Russi u d-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni u huwa irrilevanti jekk l-importazzjonijiet Russi żdidux biss minħabba l-miżuri antidumping imposti fuq importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi oħrajn. Dan l-argument għalhekk ġie miċħud f'dan l-istadju. Fi kwalunkwe każ, anke jekk l-impożizzjoni ta' dazji antidumping fuq importazzjonijiet miċ-Ċina, il-Brażil u l-Armenja kellha xi impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, tkun biss kaġun indirett u ma tistax titqies bħala "fatturi l-oħra" fis-sens tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku. L-investigazzjoni wriet li huma l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mir-Russja infushom li qed jikkaġunaw dannu. Dik l-interpretazzjoni hija konsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja C-638/11 P tal-14 ta' Novembru 2013 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Gul Ahmed Textile Mills Ltd.
- (116) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-qagħda dannuża tal-industrija tal-Unjoni kkoïncidiet maż-żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mir-Russja u li l-importazzjonijiet mill-Russja kellhom rwol determinanti fid-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

2. L-effetti ta' fatturi oħra

2.1. L-effetti tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

- (117) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa matul il-perjodu kunsidrat kif ġej:

Tabella 11

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

Pajjiż		2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investi-gazzjoni
Iċ-Ċina	Volum (tunnellati metriċi)	[2 843-3 205]	[967-1 378]	[1 137-1 603]	[1 222-1 699]
	Indiċi (2011 = 100)	100	[34-43]	[40-50]	[43-53]
	Sehem mis-suq	4 %	1 %	1 %	2 %
	Prezz medju (EUR/tunnellati metriċi)	2 251	2 417	2 306	2 131
	Indiċi (2011 = 100)	100	107	102	95
It-Turkija	Volum (tunnellati metriċi)	[5 120-6 100]	[8 090-10 553]	[11 213-14 213]	[11 520-14 579]
	Indiċi (2011 = 100)	100	[158-173]	[219-233]	[225-239]
	Sehem mis-suq	7 %	11 %	13 %	13 %
	Prezz medju (EUR/tunnellati metriċi)	2 950	2 743	2 710	2 571
	Indiċi (2011 = 100)	100	93	92	87
Pajjiżi terzi oħra	Volum (tunnellati metriċi)	[3 100-3 750]	[279-750]	[1 891-3 000]	[3 162-4 313]
	Indiċi (2011 = 100)	100	[9-20]	[61-80]	[102-115]
	Sehem mis-suq	4 %	1 %	2 %	4 %
	Prezz medju (EUR/tunnellati metriċi)	2 878	2 830	2 687	2 406
	Indiċi (2011 = 100)	100	98	93	84
Importazzjonijiet totali	Volum (tunnellati metriċi)	[31 200-38 900]	[33 696-45 513]	[42 120-58 325]	[42 744-60 684]
	Indiċi (2011 = 100)	100	[108-117]	[135-150]	[137-156]
	Sehem mis-suq	45 %	47 %	51 %	53 %
	Prezz medju (EUR/tunnellati metriċi)	2 512	2 452	2 399	2 360
	Indiċi (2011 = 100)	100	98	95	94

Sors: Eurostat u r-risposti tal-kwestjonarji

- (118) L-importazzjonijiet miċ-Ċina bħalissa huma sogggetti għal dazji ta' antidumping. Ma kienx hemm importazzjonijiet mill-Brażil matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina naqsu b'bejn 47 % u 57 %, bi tnaqqis korrispondenti fis-sehem mis-suq minn 4 % sa 2 %, jiġifieri tnaqqis ta' 2 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. Kemm il-volumi kif ukoll is-sehem mis-suq baqgħu f'livelli baxxi matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet Ċiniżi naqsu b'5 % matul il-perjodu kkunsidrat. Ta' min jinnota li madwar 75 % tal-importazzjonijiet totali miċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni daħlu fis-suq tal-Unjoni skont l-iskema ta' proċessar attiv, u b'hekk mingħajr dazji antidumping. Dawn l-importazzjonijiet, li jikkorrispondu għal sehem mis-suq ta' aktar minn 1 %, kienu f'kompetizzjoni diretta ma' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'madwar 13 %.

- (119) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volumi tal-importazzjoni mit-Turkija żdiedu bejn 125 % u 139 % u s-sehem mis-suq tagħhom żdied minn madwar 7 % għal 13 %. Il-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Turkija naqsu bi 13 % matul il-perjodu kkunsidrat iżda baqgħu ogħla mil-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, inklużi r-Russja u ċ-Ċina, u kienu f'livelli simili għall-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (120) B'mod ġenerali, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żdiedu bejn 2 % u 15 %. Madankollu, peress li l-konsum tal-Unjoni żdied, is-sehem tagħhom tas-suq totali naqas minn 4 % fl- 2011 għal madwar 2 % fl- 2013 u mbagħad żdied għal 4 % sal-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni; il-prezzijiet tagħhom kienu f'livelli aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-2012.
- (121) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, jista' jitqies li l-importazzjonijiet miċ-Ċina, anki f'livelli baxxi, ikkontribwew parzjalment għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni mingħajr madankollu ma nksiret ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mir-Russja u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, huwa meġus li l-importazzjonijiet mit-Turkija setgħu kkontribwew parzjalment għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni mingħajr madankollu ma nksiret ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mir-Russja u d-dannu materjali li sofriet l-industrija tal-Unjoni, meta wieħed jikkunsidra l-volumi iżgħar u l-prezzijiet ogħla b'paragun mal-esportazzjonijiet Russi.
- (122) Parti interessata waħda ddikjarat li d-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni għandha tiġi attribwita lill-importazzjonijiet mit-Turkija u mill-Korea t'Isfel. Fir-rigward tat-Turkija, ġie konkluż li l-importazzjonijiet setgħu kkontribwew parzjalment għall-ħsara li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni madankollu mingħajr ma nksiret ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mir-Russja u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Dwar il-Korea t'Isfel din il-parti argumentat li l-importazzjonijiet kienu taħt ir-reġim ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea t'Isfel li daħal fis-seħħ fl-2011⁽¹⁾. Fir-rigward tal-Korea t'Isfel, il-volumi ta' importazzjoni kienu kważi ineżistenti matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Fuq din il-bażi, dawn l-affermazzjonijiet ġew miċħuda f'dan l-istadju.

2.2. Żvilupp tal-konsum tal-Unjoni

- (123) Il-konsum tal-Unjoni żdied b'mod sinifikanti bejn 17 % u 28 % matul il-perjodu kkunsidrat. Din iż-żieda tista' tiġi spjegata l-aktar miż-żieda ta' importazzjonijiet minħabba li l-volumi ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu bi ftit biss matul il-perjodu kkunsidrat, b'telf ta' sehem mis-suq ta' madwar 8 punti perċentwali. Fl-istess waqt l-importazzjonijiet Russi setgħu jieħdu madwar 5 punti perċentwali tas-sehem mis-suq. B'hekk, ġie provviżorjament konkluż li l-iżvilupp tal-konsum ma kkontribwiex għad-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.
- (124) Il-produttur esportatur sostna li ma hemmx żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet mir-Russja jew xi effett dannuż minn dawn l-importazzjonijiet, peress li l-importazzjonijiet Russi kull ma għamlu segwew ix-xejra fil-konsum filwaqt li l-industrija tal-Unjoni żiedet il-bejgħ tagħha ta' ACF għad-detriment tal-AHF.
- (125) Kif spjegat fil-premessa (132), l-allegazzjoni li l-industrija tal-Unjoni żiedet il-bejgħ tagħha ta' ACF għad-detriment tal-bejgħ tal-AHF ma kienx ikkonfermat matul l-investigazzjoni u għalhekk ġiet miċħuda. L-investigazzjoni stabbiliet żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-Russja li tagħmel pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, kien ikkunsidrat irrelevanti l-fatt li l-importazzjonijiet Russi segwew ix-xejra fil-konsum. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

2.3. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (126) Il-produttur esportatur iddikjara li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-prestazzjoni fqira tal-industrija tal-Unjoni.

⁽¹⁾ Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea t'Isfel, L 127, 14 ta' Mejju 2011

(127) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

It-Tabella 14

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

	2011	2012	2013	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-esportazzjonijiet	813	1 351	1 159	1 182
Indiċi (2011 = 100)	100	166	143	145
Prezz medju (EUR/tunnellati metriċi)	3 061	2 810	2 897	2 806
Indiċi (2011 = 100)	100	92	95	92

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju, l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi

(128) L-investigazzjoni wriet li l-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi oħra baqgħu flivelli baxxi meta mqabbla mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, għalkemm qed jiżdied matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet kienu ogħla mill-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni u kienu jkopru l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom. Apparti dan, il-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni ppreżentata fil-premessa (99) tirreferi biss għall-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni u kwalunkwe impatt li l-bejgħ tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fuq swieq oħra ta' pajjiżi terzi għalhekk ma tqiesx f'din l-analiżi. Għaldaqstant, dan l-argument ġie rifjutat.

2.4. *L-attività tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-aluminium converter foil ("ACF")*

(129) Għadd ta' produtturi tal-Unjoni pproduċew kemm AHF kif ukoll ACF. L-ACF huwa prodott differenti użat f'applikazzjonijiet differenti minn l-AHF. Madankollu, l-AHF u l-ACF, kif imsemmi fil-premessa (80), kienu prodotti bl-użu tal-istess faċilitajiet ta' manifattura u tagħmir. Xi partijiet interessati ddikjaraw li l-industrija tal-Unjoni żiedet il-produzzjoni u l-bejgħ tal-ACF, li jħalli aktar qligħ, għad-detriment tal-AHF u għalhekk kwalunkwe telf ta' volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-AHF ikun minħabba din il-bidla aktar miż-żieda fl-importazzjonijiet ta' AHF mir-Russja.

(130) Barra minn hekk, il-produttur esportatur iddikjara li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat minn żviluppi negattivi fis-suq tal-ACF, fejn l-industrija tal-Unjoni ddikjarat li ġarrbet dannu minn importazzjonijiet ta' dan il-prodott miċ-Ċina u li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni bdiet proċediment antidumping f'Diċembru 2014 ⁽¹⁾.

(131) L-investigazzjoni wriet li għalkemm hemm xi duplikazzjoni, il-produtturi tal-Unjoni ta' ACF u AHF ma kinux identiċi. Għalhekk, l-akbar produttur tal-Unjoni magħżul għall-kampjun ta' AHF tal-investigazzjoni kurrenti kien qed jiproduċi biss AHF, filwaqt li l-produtturi l-oħra tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kellhom proporzjon relattivament stabbli ta' produzzjoni u bejgħ bejn AHF u ACF matul il-perjodu kkunsidrat. Għaldaqstant l-investigazzjoni ma kkonfermatx l-allegazzjonijiet li l-industrija tal-Unjoni bidlet il-produzzjoni tagħha minn AHF għall-ACF. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet ukoll li l-produtturi tal-Unjoni li jipproduċu kemm AHF kif ukoll ACF ma setgħux jaqilbu faċilment minn prodott għall-ieħor peress li biex tiġi massimizzata l-effiċjenza hemm bżonn li l-produzzjoni taż-żewġ prodotti tkun f'ċerti kwantitajiet.

(132) Parti waħda interessata argumentat li l-importazzjonijiet Ċiniżi ta' ACF kellhom impatt fuq is-sitwazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk ikkaġunaw id-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni ta' AHF. Madankollu,

⁽¹⁾ Notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminjum li joriġina fir-Repubblika Popolari ta' Ċina (ĠU C 444, 12.12.2014, p. 13).

il-kwadru tad-dannu analizzat fil-premessi (71) sa (107) u l-konklużjoni fil-premessa (108) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kien jirrigwarda esklussivament il-produzzjoni u l-bejgħ ta' AHF. L-impatt ta' kwalunkwe ħsara allegata relatat mal-produzzjoni u l-bejgħ ta' ACF ta' dawk il-produtturi tal-Unjoni li jipproduċi kemm ACF kif ukoll AHF, jekk kien hemm, għalhekk mhuwiex rifless fil-kwadru tad-dannu ta' hawn fuq. Għaldaqstant, dan l-argument ġie irrifjutat f'dan l-istadju.

2.5. *Il-prezzijiet tal-materja prima*

- (133) L-aluminju huwa l-materja prima ewlenija għall-manifattura tal-AHF u rrappreżenta madwar 75 % tal-ispiża totali tal-manifattura tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (134) Il-produttur esportatur sostna li l-industrija tal-Unjoni kellha żvantaġġ minħabba li ma kinitx integrata vertikament u kellha tixtri l-aluminju. Barra minn hekk, il-produttur esportatur allega li l-livelli tal-prezzijiet tal-aluminju fl-Unjoni huma ogħla minħabba d-dazji doganali fis-seħħ fuq aluminju mhux maħdum, bejn 3 % u 6 %, li jżidu primjum intra-UE tal-metall, li huwa parti mill-prezz tal-metall, u għalhekk parti mill-prezz tal-aluminju.
- (135) Ir-referenza mad-dinja kollha għall-prezz tal-aluminju primarju hi l-kwotazzjoni tal-Borża tal-Metall ta' Londra (London Metal Exchange — LME). Il-primjums huma soprataxxa apparti l-prezzijiet tal-LME, li flimkien jiffurmaw ir-rata globali mħallsa lill-funderiji jew lill-operaturi tas-suq għall-akkwist tal-aluminju. Il-prezzijiet tal-LME naqsu b'20 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-primjum aktar milli rdoppja matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, jekk wieħed jieħu flimkien l-LME u l-primjum bħala l-kost totali ta' aluminju, il-kost naqas matul il-perjodu kkunsidrat b'madwar 11 %.
- (136) L-investigazzjoni wriet li kemm l-industrija tal-Unjoni kif ukoll il-produttur Russu li jesporta ġarrew spejjeż komparabbli biex jakkwistaw il-materjaprima għall-manifattura tal-AHF, minħabba li l-prezzijiet tas-suq ta' din il-materja prima kemm fis-suq-Russkif ukoll dak tal-Unjoni huma marbuta direttament mal-LME. It-talbiet li jinsabu fil-premessa (134) għandhom għalhekk jiġu miċħuda. Filwaqt li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll il-prezzijiet ta' importazzjoni tal-AHF mir-Russja kienu qegħdin jonqsu wara l-iżvilupp tal-prezz tal-aluminju kkwotat fl-LME, l-investigazzjoni stabbiliet li l-prezzijiet ta' importazzjoni tal-AHF mir-Russja kienu kostantement aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat u waqqgħu tagħhom bejn 3 % u 7 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kif diġà ssemma fil-premessa (92), l-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet tal-bejgħ ta' AHF tal-industrija tal-Unjoni ma setgħux ikopru l-kost unitarju tal-produzzjoni minħabba l-pressjoni tal-prezz li għamli l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minkejja li l-kost unitarju tal-produzzjoni naqas. Għaldaqstant f'dan l-istadju dan l-argument għandu jiġi miċħud.

3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

- (137) L-analiżi hawn fuq turi żieda sostanzjali fil-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mir-Russja fil-perjodu kkunsidrat u tnaqqis tal-prezzijiet ta' importazzjoni matul il-perjodu.
- (138) Din iż-żieda fis-sehem mis-suq ikkoïncidiet ma' tnaqqis sinifikanti fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Il-pressjoni tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni li tgħolli l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha għal livelli ta' profitt minkejja t-tnaqqis fil-kost unitarju tal-produzzjoni tagħhom, li rriżulta ftelf għall-industrija tal-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tirkupra kompletament mill-effetti tal-prattiki tad-dumping tal-passat minn importazzjonijiet mill-Brażil, iċ-Ċina u l-Armenja u ġarrbet dannu materjali matul il-perijodu ta' investigazzjoni.
- (139) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bħall-effett tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, l-iżvilupp tal-konsum tal-Unjoni, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-attività tal-industrija tal-Unjoni f'suq tal-ACF u l-kost tal-materja prima.
- (140) L-eżami ta' dawn il-fatturi l-oħra wera li b'mod partikolari l-importazzjonijiet mit-Turkija u ċ-Ċina setgħu kkontribwew għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, meta wieħed jikkunsidra l-prezzijiet ogħla u l-volum inqas tal-importazzjonijiet mit-Turkija fir-rigward tal-importazzjonijiet mir-Russja kif ukoll il-livelli baxxi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, ġie konkluż li dawn il-fatturi ma setgħux jiksru r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mir-Russja u d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

- (141) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li d-dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u li l-fatturi l-oħra, meqjusin b'mod individwali jew kollettivament, ma kiserx il-kawżalità. Id-dannu jikkonsisti prinċipalment ftelf finanzjarju u t-telf tas-sehem mis-suq fis-suq tal-Unjoni.

F. L-INTERESS TAL-UNJONI

1. Kumment preliminari

- (142) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx b'mod ċar tikkonkludi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni dwar dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq l-apprezzament tal-interessi varji involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-operaturi tas-suq, tal-importaturi u tal-utenti.

2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (143) L-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni ma rkupratx totalment mill-prattika preċedenti ta' dumping u ġarrbet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. L-indikaturi ewlenin tad-dannu wrew xejriet negattivi, b'mod partikolari s-sehem mis-suq u l-profitabbiltà.
- (144) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri, huwa mistenni li l-prezzijiet tal-importazzjoni se jiżdiedu u l-industrija tal-Unjoni se tkun meħlusa mill-pessjoni fuq il-prezzijiet attwalment eżerċitata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. L-industrija tal-Unjoni għalhekk għandha tkun kapaċi tgħolli l-prezzijiet tagħha sabiex jirriflettu ż-żidiet fil-kost u gradwalment jilhqg livelli profitabbli. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni ser tkun kapaċi żżid il-volumi tal-bejgħ tagħha u s-sehem mis-suq tagħha fis-suq tal-Unjoni.
- (145) Fin-nuqqas ta' miżuri, il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li tkompli tiddeterjora, b'mod partikolari minħabba t-telf li sofriet matul il-perjodu ta' investigazzjoni u l-pessjoni fuq il-prezzijiet li mistennija tkompli mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-Russja. Aktar telf tas-sehem mis-suq ser iseħħ hekk kif il-klijenti tal-industrija tal-Unjoni huma mistennija li gradwalment jaqilbu għal importazzjonijiet bi prezz baxx mir-Russja. Barra minn hekk, il-pessjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mhux se jippermettu li l-industrija tal-Unjoni tgħolli l-prezzijiet tagħha minħabba li l-industrija tal-Unjoni se tkun imġiegħla tikkompeti mal-livelli baxxi tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Russi. Ftali xenarju l-industrija tal-Unjoni se tkompli ssofri telf sinifikanti.
- (146) Il-produttur esportatur sostna li mingħajr kompetizzjoni mir-Russja, l-industrija tal-Unjoni aktarx li ssir inqas effiċjenti u titef il-kompetittività tagħha fis-suq globali. Barra minn hekk, il-produttur esportatur sostna li miżuri kontra d-dumping jirriżultaw f'distorsjoni tas-suq globali.
- (147) L-ewwel nett, il-miżuri antidumping għandhom biss iġibu lura l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, iżda mhux jostakolaw l-importazzjonijiet Russi fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet ġusti. It-tieni nett, il-produttur esportatur ma spjegax sa liema punt id-dazji antidumping jistgħu jgħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni globali u lanqas ma spjega sa liema punt dawn jista' jkollhom impatt fuq l-effiċjenza tal-industrija tal-Unjoni. Dawn l-allegazzjonijiet ma kinux biżżejjed sostanzjati. Għall-kuntrarju, l-investigazzjoni wriet li l-miżuri antidumping jippermettu li l-industrija tal-Unjoni żżid l-prezzijiet tal-bejgħ u l-profitabbiltà tagħha kif ukoll il-volum tal-bejgħ tagħha fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, dawn l-argumenti ġew miċħuda f'dan l-istadju.
- (148) Il-produttur esportatur iddikjara wkoll li d-domanda għal AHF hi elastika ħafna u f'każ ta' impożizzjoni ta' miżuri, ħafna konsumaturi jistgħu jaqilbu għal prodotti alternattivi bħall-fojl domestiku tal-poliutilen; għalhekk il-miżuri mhumiex se jirriżultaw f'żieda pjtost ftelf fil-volum tal-bejgħ għall-industrija tal-Unjoni. Madankollu l-investigazzjoni wriet li s-sostituzzjoni ta' AHF b'imballaġġ alternattiv hija diffiċli ħafna minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-AHF bħal reżistenza termali h'ief u l-protezzjoni mid-dawl. Għaldaqstant dan l-argument ma għandux jintlaqa'.
- (149) Għaldaqstant, f'dan l-istadju ġie konkluż li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

3. L-interess tal-importaturi/operaturi tas-suq

(150) L-ebda kumpanija involuta fil-kummerċ, jiġifieri l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid tal-AHF fl-Istat tagħha, ma ppreżentat ruħha wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu. Tabilħaqq, l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni u l-produttur esportatur kienu qed ibigħu l-AHF fil-biċċa l-kbira direttament lill-utenti. Għal dawn ir-raġunijiet, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-impożizzjoni ta' miżuri jista' jkollha effett negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-importaturi/operaturi tas-suq.

4. L-interess tal-utenti

(151) L-utenti fl-Unjoni huma rewinders li l-attivitajiet tagħhom jikkonsistu fin-negozjar ta' materjal għat-tgeżwir (fojl tal-aluminju iżda wkoll karta u plastika) wara r-rumblar mill-ġdid tal-AHF f'rombli żgħar (rombli tal-konsumatur) u l-ippakkjar mill-ġdid għall-kummerċ industrijali u l-bejgħ bl-imnut. Seba' kumpaniji avvċinaw u rċewew kwestjonarju. Erba' kumpaniji kkooperaw fil-proċedimenti billi baġhtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju. Tliet kumpaniji li kkooperaw ġew ivverifikati fuq il-post.

(152) L-investigazzjoni wriet li l-AHF huwa l-materja prima ewlenija tar-rewinders, li tirrappreżenta madwar 80 % tal-ispiża totali tal-manifattura.

(153) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, utenti li kkoperaw kellhom tliet sorsi ewlenin ta' forniture ta' AHF jiġifieri l-industrija tal-Unjoni, it-Turkija u r-Russja. Tlieta mill-utenti li kkoperaw xtraw il-AHF prinċipalment mill-industrija tal-Unjoni u importawha bi kwantitajiet iżgħar. Wieħed minn dawn it-tliet utenti ma importax AHF mir-Russja, iżda biss mit-Turkija. Ir-raba' utent li kkoopera xtara AHF prinċipalment mir-Russja u kiseb kwantitajiet iżgħar mill-industrija tal-Unjoni. Il-kumpaniji kollha li kkooperaw importaw l-AHF anke mit-Turkija.

(154) Peress li r-rewinders huma fornituri ta' firxa wiesgħa ta' prodotti ta' imballaġġ, għat-tliet kumpaniji li kkooperaw li xtraw il-prodott ikkonċernat mir-Russja, l-attività li tinkorpora l-AHF tirrappreżenta minn inqas minn wieħed minn sitta għal massimu ta' kwart tal-attività totali tagħhom. Għall-kumpanija li ma xtrax il-prodott ikkonċernat mir-Russja l-attività li tinkorpora l-AHF kien tirrappreżenta inqas minn terz tal-attività totali tagħhom.

(155) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni nstab li l-kumpaniji kienu ġeneralment profittabbli. Madankollu, kumpanija waħda ma setgħetx talloka b'mod ċar l-ispejjeż tal-SG&A għall-attività li tinkorpora l-AHF u għalhekk, ma setgħet tingħed l-ebda konklużjoni għal din il-kumpanija rigward il-profittabbiltà tagħha.

(156) Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li jeżistu sorsi multipli ta' provvista u r-rewinders huma lesti li jibdlu s-sorsi ta' forniment jekk ikun meħtieġ (ara l-premessi minn (165) sa (168)).

(157) Barra minn hekk, ir-rewinders xorta jstgħu jkunu kapaċi jgħaddu d-dazju antidumping fuq il-klijenti tagħhom, speċjalment jekk il-prezzijiet tal-materja prima prinċipali tagħhom ikomplu bit-tendenza osservata dejjem tonqos matul il-perjodu kkunsidrat.

(158) Fuq din il-bażi, filwaqt li mhuwiex eskluż li l-impożizzjoni ta' miżuri kontra l-Russja jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-profittabbiltà tar-rewinders, id-disponibbiltà ta' sorsi oħra ta' provvista il-possibbiltà li d-dazju jgħaddi għand il-konsumaturi u f'ċerti każi l-marġini għolja ta' profittabbiltà, jstgħu jindikaw li l-impatt possibbli tal-miżuri fuq ir-rewinders ikun limitat.

(159) Il-produttur esportatur iddikjara li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping se tkun ta' detriment għal bejjieġha bl-imnut kbar mingħajr, madankollu, ma speċifika aktar din it-talba. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-ebda wieħed mill-bejjieġha bl-imnut kbar ma ppreżenta ruħu matul l-investigazzjoni.

(160) Xi partijiet interessati sostnew ukoll li l-impożizzjoni ta' miżuri tnaqqas il-profittabbiltà tar-rewinders. Madankollu, kif diġà analizzat fil-premessi minn (153) sa (160), huwa mistenni li l-impatt fuq il-profittabbiltà tar-rewinders ikun limitat b'mod partikolari meta jkunu qed jiġu kkunsidrati d-diversi s-sorsi varji eżistenti tal-provvista u l-possibbiltà li jgħaddu lill-klijenti tagħhom mill-inqas parti miż-żieda fl-ispejjeż tagħhom mill-impożizzjoni tad-dazji.

- (161) Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (118), il-miżuri antidumping ilhom fis-seħħ għal dawn l-aħħar ħames snin kontra importazzjonijiet miċ-Ċina, il-Brażil u l-Armenja. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni li wasslet għal dawn il-miżuri, instab li l-profittabbiltà tar-rewinders kienet bejn - 2 % u + 2 % (!). Minkejja l-impożizzjoni ta' miżuri, ir-rewinders baqgħu vijabbli u fxi każijiet anke żiedu l-profitti tagħhom, hekk kif l-investigazzjoni kurrenti wriet li r-rewinders kollha li kkooperaw għamlu profitt. Għaldaqstant, dan l-argument ġie rifjutat.
- (162) Barra minn hekk, kien iddikjarat li kien hemm kompetizzjoni qawwija fis-suq downstream minn importazzjonijiet ta' rollijiet għall-konsumaturi. Xi partijiet interessati ddikjaraw li kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri antidumping fuq l-AHF tippenalizza lir-rewinders fl-Unjoni li jkollhom iħallsu dazju antidumping fuq il-materja prima tagħhom u b'hekk ma jkunux jistgħu jibqgħu jikkompetu ma' importazzjonijiet ta' prodotti downstream. Ġie allegat ukoll li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-AHF iwassal għal esportazzjonijiet ta' rollijiet għall-konsumaturi mir-Russja. Imbagħad l-operazzjoni ta' rrujmbjar mill-ġdid issir fir-Russja minflok l-Unjoni u r-rewinders isofru dannu qawwi, anki minħabba li jikkompetu ma' importazzjonijiet bi prezz baxx ta' rollijiet għall-konsumatur.. Madankollu, r-riskju li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jkunu sostituti minn importazzjonijiet ta' prodotti downstream mhuwiex, fih innifsu, raġuni biex ma jiġux imposti miżuri antidumping. F'dan ir-rigward, għandu jkun innutat li fl-2013 kienu imposti miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' rollijiet tal-konsumatur miċ-Ċina (?) u dan ħeles lill-industrija iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li jikkawżaw dannu materjali. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet tal-AFH mir-Russja jkopru biss parti mill-ħtiġijiet tar-rewinders u li hemm diversi sorsi oħra ta' provvista bla miżuri antidumping. Għaldaqstant, dawn l-argumenti ġew miċħuda.
- (163) Fid-dawl tar-riżultati ta' hawn fuq, huwa f'dan l-istadju li ġie konkluż li l-impatt fuq l-utenti ma għandux ikun tali li l-miżuri jkollhom jiġu kkunsidrati bħala li jmorru kontra l-interess ġenerali tal-Unjoni.

5. Sorsi ta' forniment

- (164) Bosta partijiet interessati ddikjaraw li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping kontra r-Russja tista' tirriżulta f'nuqqas ta' provvista fis-suq tal-Unjoni, peress li l-industrija tal-Unjoni ma jkollhiex biżżejjed kapaċità biex tkopri d-domanda fl-Unjoni u, kif imsemmi hawn fuq, ir-rewinders ma jkollhomx biżżejjed sorsi oħra ta' provvista.
- (165) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni kellha kapaċità żejda u hija kapaċi żżid il-produzzjoni u l-bejgħ tal-AHF fl-Unjoni. Barra minn hekk, hemm disponibbli sorsi alternattivi ta' provvista bħat-Turkija, l-Armenja kif ukoll l-Afrika t'Isfel u l-Indja, għalkemm sa ċertu punt. Barra minn hekk, id-dazji antidumping kontra ċ-Ċina u l-Brażil bħalissa għaddejjin minn rieżami u r-riżultati se jkunu ppubblikati mhux aktar tard minn Jannar 2016. Fl-aħħar nett, il-miżuri antidumping għandhom l-għan li jstabbilixxu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni u l-importazzjonijiet Russi xorta se jkunu jistgħu jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet ġusti.
- (166) Parti interessata ddikjarat li huwa probabbli ħafna li l-industrija tal-Unjoni mhux se żżid il-produzzjoni u l-bejgħ tagħha tal-AHF, iżda minflok se żżid l-attivitajiet tagħha fis-settur tal-ACF. Din id-dikjarazzjoni kienet ibbażata fuq is-suppożizzjoni li l-industrija tal-Unjoni żiedet il-produzzjoni tagħha tal-AHF minħabba l-kriżi ekonomika dinjija u ser terġa' tibda l-produzzjoni tal-ACF ladarba s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali fl-Unjoni tirkupra. Din il-parti nnutat ukoll li kien hemm għaddejja investigazzjoni parallela dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ACF li joriġina miċ-Ċina (?) u sostniet li jekk l-investigazzjoni tirriżulta fl-impożizzjoni ta' miżuri antidumping, l-industrija tal-Unjoni bl-istess mod se ttejjeb il-qagħda ekonomika tagħha fir-rigward ACF u bħala konsegwenza żżid il-produzzjoni tal-ACF għad-detriment ta' żieda fil-produzzjoni ta' AHF. Madankollu, kif diġà ġie analizzat fil-premessa (132), l-investigazzjoni ma sabet l-ebda evidenza li tiġġustifika dikjarazzjoni bħal din. Barra minn hekk, il-parti ma pprovdiet l-ebda evidenza dwar ir-rabta bejn l-iżvilupp tal-produzzjoni ta' AHF u l-kriżi ekonomika jew id-dikjarazzjoni li l-industrija tal-Unjoni wara l-impożizzjoni possibbli ta' miżuri kontra ċ-Ċina se taqleb il-produzzjoni tiegħu għall-ACF. Għalhekk, dawn l-argumenti ġew rifjutati f'dan l-istadju.

(!) Il-Premessa 159 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 287/2009 tas-7 ta' April 2009 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fojls tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, il-Brażil u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L 94, 8.4.2009, p. 17

(?) IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) Nru 217/2013 tal-11 ta' Marzu 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fojli tal-aluminju f'fojli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 11).

(?) Notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu fojl tal-aluminju li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU C 444, 12.12.2014, p. 13).

- (167) Parti waħda interessata qalet li l-importazzjonijiet ta' AHF mill-Venezwela, it-Turkija u l-Armenja, ma kinux adatti biex jissostitwixxu l-importazzjonijiet ta' AHF mir-Russja minħabba li għadd ta' parametri ewlenin bħall-produzzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-disponibbiltà tal-provvista huma differenti. Madankollu, ma pprova l-ebda provi sabiex isostni din l-allegazzjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma żvelatx xi tagħrif li seta' jikkonferma din l-allegazzjoni. Għall-kuntrarju, l-investigazzjoni wriet li t-Turkija hija fornitur ewlieni għar-rewinders fl-Unjoni u għalhekk komparabbli f'termini ta' disponibbiltà u l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ma' importazzjonijiet Russi. Barra minn hekk, l-Armenja hija wkoll fornitur potenzjali għas-suq tal-Unjoni mingħajr dazji tal-antidumping fis-seħħ. Għalhekk, dawn l-argumenti ġew rifjutati f'dan l-istadju.
- (168) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, id-dikjarazzjoni li ma kienu jeżistu ebda sorsi alternattivi ta' provvista, għandha tiġi miċħuda.

6. Argumenti oħrajn

- (169) Il-produttur esportatur sostna li l-analiżi tal-interess tal-Unjoni għandha tqis ukoll li l-industrija tal-Unjoni hija protetta minn dazji fuq l-importazzjoni ta' 7,5 % mir-Russja u d-dazji antidumping fis-seħħ fir-rigward ta' importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġinaw miċ-Ċina u l-Brażil.
- (170) Huwa nnutat li tabilħaqq skont l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea ("SGP") li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, ir-Russja ma għadhiex imniżżla bħala pajjiż benefiċjarju. Għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 2014 u sakemm tibqa' teżisti din is-sitwazzjoni, l-importazzjonijiet mir-Russja ta' AHF huma soġġetti għal rata ta' dazju tal-importazzjoni ta' 7,5 % (minflok ir-rata ta' dazju preferenzjali ta' 4 % applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2013).
- (171) Barra minn hekk, il-miżuri antidumping kontra ċ-Ċina u l-Brażil, li bħalissa qed jiġu rieżaminati, ġew imposti bħala riżultat ta' proċedura separata li tistabilixxi dumping dannuż fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet u li ġġustifikaw l-impożizzjoni tal-miżuri. Id-dazji antidumping fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma tistax tiġi kkunsidrata fiha nfisha bħala raġuni valida biex ma jkunux imposti dazji antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ieħor. Fil-fatt, jekk wara investigazzjoni ta' antidumping jiġi stabbilit li hemm dumping dannuż minn importazzjonijiet ta' dan il-pajjiż l-impożizzjoni ta' tali miżuri jkunu ġġustifikati, jekk ma jkun hemm l-ebda raġuni konvinċenti f'termini tal-interess tal-Unjoni li titkellem kontra dawn il-miżuri. Fil-każ kurrenti, dawn il-kundizzjonijiet f'dan l-istadju huma ssodisfati u dan l-argument għalhekk f'dan l-istadju ġie miċħud.
- (172) Il-produttur esportatur fl-aħħar sostna li peress li l-AHF u l-ACF jinħadmu fl-istess faċilitajiet ta' produzzjoni, u b'hekk allegatament jipprovdu livell għoli ta' sostitwibbiltà min-naħa tal-provvista, ammont addizzjonali ta' dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' AHF joħloq distorsjonijiet fis-suq tal-ACF għad-detriment tal-klijenti aħħarin fl-Unjoni. Madankollu, il-produttur esportatur ikkonċernat ma kkwantifikax din id-dikjarazzjoni. Kif diġà ġie spjegat fil-premessi (81) u (131) l-akbar produttur fil-kampjun ma pproduċa xejn ACF u l-oħrajn li kienu qed jipproduċu l-ACF, kellhom proporzjon stabbli ta' produzzjoni u bejgħ bejn ACF u AHF. Għaldaqstant dan l-argument ma għandux jintlaqa'.

7. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (173) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet persważivi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq importazzjonijiet tal-ACF li joriġinaw mir-Russja f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

G. MIŻURI PROVVIŻORJI ANTIDUMPING

- (174) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri antidumping provviżorji sabiex ma jippermettux li jsir aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

1. Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (Marġni ta' dannu)

- (175) Sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju sabiex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

- (176) Id-dannu kienu jkun eliminat kieku l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha u tagħmel profitt qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni minn industrija ta' dan it-tip fis-settur, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping. F'dan ir-rigward, profitt ta' 5 % kien ikkunsidrat xieraq u kkonfermat matul l-investigazzjoni fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dan is-settur industrijali. Barra minn hekk, marġini ta' profitt ta' 5 % intuża wkoll fil-proċediment li wassal għall-investigazzjoni parallela kontra ċ-Ċina u l-Brażil dwar l-istess prodott imsemmi fil-premessa (20) hawn fuq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa 158 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 833/2012 fejn ukoll intuża marġni ta' profitt ta' 5 %.
- (177) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mingħajr dannu għall-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi aġġustat il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni billi neħħiet l-ammont tal-profitt jew żiedet it-telf fil-fatt imġarrab matul il-perjodu ta' investigazzjoni u sussegwentement żiedet il-marġini tal-profitt ta' 5 % imsemmi hawn fuq. Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produttur esportatur fir-Russja li kkoopera, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezzijiet, mal-prezz medju ponderat mhux iġurjuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ingħatat bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

2. Miżuri provviżorji

- (178) Għandhom jiġu imposti miżuri provviżorji antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-AHF li joriġinaw mir-Russja, skont ir-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont ta' dazji għandu jkun stabbilit fil-livell il-baxx tal-marġini ta' dumping u dak tad-dannu.
- (179) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, ir-rati ta' dazju antidumping provviżorji, mogħtija skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazji doganali mhux imħallsa, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Il-kumpanija	Marġini tad-dumping	Marġini tad-dannu	Id-dazju anti-dumping provviżorju
Ir-Russja	Ural Foil OJSC, ir-reġjun ta' Sverdlovsk; OJSC Rusal Sayanal, il-Grupp Rusal tar-reġjun ta' Khakassia	34,0 %	12,2 %	12,2 %
Ir-Russja	Il-kumpaniji l-oħra kollha			12,2 %

- (180) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu l-qagħda ta' dawn il-kumpaniji li nstabat matul din l-investigazzjoni. Dawn ir-rati ta' dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġina mill-pajjiżi konċernati u li huwa mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmijin. Il-prodotti importati magħmulin minn xi kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija b'isimha u l-indirizz tagħha fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha". Ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi rata individwali ta' dazju antidumping.
- (181) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping individwali jekk tibdel l-isem tal-entità tagħha jew tistabbilixxi entità ta' produzzjoni jew ta' bejgħ ġdida. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni⁽¹⁾. It-talba għandha tkun tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż: il-modifikazzjoni fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni; il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', pereżempju, il-bidla fl-isem jew il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u bejgħ. Il-Kummissjoni se taġġorna l-lista ta' kumpaniji b'dazji individwali tal-antidumping, jekk dan ikun iġġustifikat.
- (182) Sabiex ikun żgurat l-infurzar xieraq tad-dazji antidumping, id-dazju antidumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha se japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma jikkoooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda għal dawk il-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

⁽¹⁾ European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Bruxelles/Brussel, Belgique/België.

H. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

- (183) Il-produttur esportatur li kkoopera sostna li huwa kellu jkollu aċċess għall-fajl mhux kunfidenzjali tal-proċediment ta' rieżami ta' skadenza parallel li kien għaddej dwar il-miżuri fis-seħħ kontra l-importazzjonijiet tal-AHF li oriġinaw mill-Brażil u miċ-Ċina, imsemmi fil-premessa (3), fuq il-bażi li għall-iskop tal-analiżi tal-kawżalità fl-investigazzjoni kurrenti, l-importazzjonijiet ta' AHF mir-Russja jistgħu jiġu kumulati ma' importazzjonijiet ta' AHF mill-Brażil u ċ-Ċina sabiex jiġi investigat l-impatt ta' dawn l-importazzjonijiet fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni. Il-produttur esportatur sostna li dan ikun ksur serju tad-drittijiet tiegħu ta' difiża u ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali li ma jistax jiġi regolarizzat retroattivament, peress li ppreġudika d-drittijiet tad-difiża fil-perjodu speċifikat għall-kummenti, l-aktar fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. B'konsegwenza ta' dan, l-investigazzjoni preżenti għandha tintemm. Alternattivament, il-produttur li jesperta talab li jingħata aċċess sħiħ għall-fajl mhux kunfidenzjali fil-proċediment ta' rieżami ta' skadenza parallel.
- (184) It-talba kienet imsejsa fuq is-suppożizzjoni żbaljata li l-importazzjonijiet miċ-Ċina u l-Brażil jistgħu jiġu kumulati mal-importazzjonijiet mir-Russja. Madankollu, kif deskritt hawn taħt, l-importazzjonijiet miċ-Ċina u l-Brażil ġew ikkunsidrati biss fl-analiżi tal-kawżalità bħala "fatturi oħra". Għalkemm il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun pprovdew tweġiba ta' kwestjonarju waħda biss li tkopri ż-żewġ proċedimenti, dan kien jikkonċerna biss l-analiżi tal-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni minħabba li fiż-żewġ proċedimenti l-produtturi tal-Unjoni kienu identiċi u d-dejta miġbura kienet tirreferi għall-istess perjodu ta' investigazzjoni u l-istess perjodu kkunsidrat. Permezz ta' ittra uffiċjali, il-Kummissjoni diġà infurmat lill-produttur esportatur dwar l-intenzjoni tagħha li tiċħad it-talbiet imsemmijin hawn fuq u stiednet lill-produttur esportatur biex jekk jidhirlu li hu neċċessarju, jitlob l-intervent tal-Uffiċjal tas-Smiġh fi proċedimenti kummerċjali.
- (185) Rigward l-aċċess għall-fajl mhux kunfidenzjali fil-proċediment parallel tar-rieżami ta' skadenza, il-produttur esportatur mhuwiex parti interessata f'dan il-proċediment u, bħala konsegwenza, l-aċċess għall-fajl mhux kunfidenzjali rilevanti ma jistax jingħata. Għalhekk, it-talbiet rigward il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u l-ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali ġew miċħuda.
- (186) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati biex jissottomettu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew l-Uffiċjal tas-Seduta għad-DG Kummerċ li żmien skadenza fissa.
- (187) Il-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni tad-dazji magħmula għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huma provviżorji u jista' jkun li jkollhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid għall-iskop ta' xi miżura definittiva.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv kontra d-dumping huwa b'dan impost fuq l-importazzjoni ta' fojl tal-aluminju ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0.008 mm u mhux aktar minn 0.018 mm, mhux miksi, mhux maħdum aktar milli rolljat, frukkelli ta' wisgħa mhux aktar minn 650 mm u li ma jiżnux aktar minn 10 kilogrammi u li jaqgħu fil-kodiċi NM ex 7607 11 19 (kodiċi TARIC 7607 11 19 10) u li joriġina mir-Russja.

2. Ir-rati tad-dazju antidumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett frank fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, tkun kif ġej:

Pajjiż	Il-kumpanija	Id-dazju antidumping provviżorju	kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Russja	Ural Foil OJSC, ir-rehjun ta' Sverdlovsk; OJSC Rusal Sayanal, Rusal Group fir-reġjun ta' Khakassia	12,2 %	C050
Ir-Russja	Il-kumpaniji l-oħra kollha	12,2 %	C999

3. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1, huwa soġġett għall-forniment ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.
4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali fis-seħħ.

Artikolu 2

1. Fi żmien 25 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati jistgħu:
 - (a) jitolbu l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament;
 - (b) jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni; kif ukoll
 - (c) jitolbu smiġh mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.
2. Fi żmien 25 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 jistgħu jikkumentaw dwar l-applikazzjoni tal-miżuri provviżorji.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1082**tat-3 ta' Lulju 2015****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	20,6
	MA	148,6
	MK	39,1
	ZZ	69,4
0707 00 05	TR	106,1
	ZZ	106,1
0709 93 10	TR	116,8
	ZZ	116,8
0805 50 10	AR	117,2
	BO	144,3
	UY	138,8
	ZA	133,3
	ZZ	133,4
0808 10 80	AR	139,5
	BR	104,6
	CL	128,4
	NZ	151,8
	US	164,6
	ZA	125,7
	ZZ	135,8
	ZZ	135,8
0808 30 90	AR	165,7
	CL	138,9
	NZ	250,7
	ZA	125,4
	ZZ	170,2
0809 10 00	IL	315,1
	TR	245,1
	ZZ	280,1
0809 29 00	TR	266,8
	ZZ	266,8
0809 40 05	IL	241,9
	ZZ	241,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1083**tat-3 ta' Lulju 2015**

li jiffissa l-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mid-29 sat-30 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1918/2006 għaż-żejt taż-żejbuġa li joriġina mit-Tuneżija u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet ta' tali liċenzji għax-xahar ta' Lulju 2015

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 188(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 ⁽²⁾ fetaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni taż-żejt taż-żejbuġa verġni li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 1509 10 10 u NC 1509 10 90, miksub bis-sħiħ fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż sal-Unjoni. L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006 jipprovdi limiti kwantitattivi għal kull xahar fuq il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni.
- (2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mid-29 sat-30 ta' Ġunju 2015 għax-xahar ta' Lulju 2015 huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ⁽³⁾. Jixraq li jiġi sospiż it-tressiq ta' applikazzjonijiet ġodda għax-xahar ta' Lulju 2015.
- (3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 1918/2006 mid-29 sat-30 ta' Ġunju 2015 għandhom jinħarġu skont il-koeffiċjent tal-allokazzjoni stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. It-tressiq ta' applikazzjonijiet ġodda għal liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Ġunju 2015 huwa sospiż sa mill-1 ta' Lulju 2015.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-zebuġa li joriġina mit-Tuneżija (ĠUL 365, 21.12.2006, p. 84).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agricoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠUL 238, 1.9.2006, p. 13).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

ANNEX

Nru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni — applikazzjonijiet imressqa mid-29 sat-30 ta' Ġunju 2015 għax-xahar ta' Lulju 2015 (P%)
09.4032	5,119034

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1084

tat-18 ta' Frar 2015

li, fisem l-Unjoni Ewropea, tapprova ċerti emendi fl-Annessi II, V, VII u VIII tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali

(notifikata bid-dokument C(2015) 797)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Ftehim milħuq bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ f'annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali ("il-Ftehim") jistipula l-possibbiltà li tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza tal-miżuri sanitarji wara li l-Parti li tesporta tkun uriet b'mod oġġettiv li l-miżuri li tkun applikat ikunu wasslu għall-livell xieraq ta' ħarsien ("il-Partijiet").
- (2) Il-Ftehim ġie approvat kif xieraq bid-Deċiżjoni 97/132/KE li tistipula wkoll li l-emendi għall-Annessi tiegħu u li jirriżultaw mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt tal-Ġestjoni, u għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE ⁽²⁾. (Id-Direttiva 72/462/KEE ġiet revokata mid-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE ⁽³⁾). Il-premessa 10 tad-Direttiva 2004/68/KE tistqarr li r-regoli dwar is-saħħa pubblika u l-kontrolli uffiċjali li japplikaw għal-laħam u l-prodotti tal-laħam fid-dawl tad-Direttiva 72/462/KEE ġew sostitwiti b'dawk tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. Dik il-premessa tiddikjara wkoll li r-regoli l-oħra tad-Direttiva 72/462/KEE ġew sostitwiti bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE ⁽⁵⁾ u bid-Direttiva 2004/68/KE.
- (3) New Zealand irristrutturat l-awtoritajiet kompetenti tagħha fl-2010 u l-awtorità kompetenti l-ġdida issa hi l-Ministeru għall-Industriji Primarji. L-Unjoni pproponiet emenda żgħira fid-definizzjoni tar-rwoli tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-Partijiet irrakkomandaw li jiġi aġġornat l-Anness II tal-Ftehim biex jirrifletti dawn il-bidliet.
- (4) Il-Partijiet irrakkomandaw li jsiru bidliet fid-definizzjonijiet tal-istatus ta' ekwivalenza differenti, b'mod partikolari fuq l-istatus "Iva-1" fil-Glossarju tal-Anness V tal-Ftehim, fejn maċ-ċertifikazzjoni ddaħħlet link għall-attestazzjoni mudell fit-Taqsima 1(a) tal-Anness VII tiegħu. Il-Partijiet xtaqu wkoll jistipulaw bażi legali għall-Unjoni biex

⁽¹⁾ ĠUL 57, 26.2.1997, p. 4.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa u l-ispezzjonijiet veterinarji fuq l-importazzjoni ta' bhejjem tal-ifrat, mogħoż u nġaġ u majjali, kif ukoll ta' laħam frisk jew ta' prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi (ĠUL 302, 31.12.1972, p. 28).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali unġulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE (ĠUL 139, 30.4.2004, p. 321).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jipprekrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠUL 139, 30.4.2004, p. 206).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman (ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11).

tintuża s-sistema elettronika integrata tal-Unjoni prevista fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE⁽¹⁾ (“TRACES”) li tistabbilixxi ċ-ċertifikati tal-importazzjoni għal prodotti “Iva-1” minn New Zealand. L-użu tas-sistema jippermetti li ċ-ċertifikazzjoni tiġi aġġornata aktar malajr u anki li ċ-ċertifikazzjoni elettronika tintuża dejjem aktar. Il-Partijiet irrakkomandaw ukoll li jiġu inklużi d-definizzjonijiet ta’ TRACES u tas-sistema elettronika ta’ New Zealand (E-ċert) u li jiġu aġġornati l-ismijiet ta’ ċerti mardiet tal-annimali elenkati fil-Glossarju għall-Anness V tal-Ftehim.

- (5) New Zealand wettqet valutazzjoni tar-riskju ġdida għall-importazzjoni ta’ semen u embrijuni bovini. Minħabba f’dan, il-marda emorraġika epizootika ma għadhiex titqies bħala marda ta’ sinifikanza għas-semen tal-bovini, u New Zealand nehiet il-kundizzjonijiet tagħha fuq l-importazzjoni. Barra minn hekk, New Zealand irrevediet il-kundizzjonijiet dwar il-Q-fever u d-dijarea virali tal-bovini (tip II). Il-Partijiet għalhekk irrakkomandaw li jiġi emendat il-Kapitolu 1 dwar is-“Semen” u l-Kapitolu 2 dwar l-“Embrijuni” tat-Taqsima 1 u l-Kapitolu 28 dwar “Dispożizzjonijiet Mixxellanji ta’ Ċertifikazzjoni” tat-Taqsima 5 tal-Anness V tal-Ftehim. Barra minn hekk, il-Partijiet irrakkomandaw li fil-Kapitolu 1 dwar is-“Semen” tat-Taqsima 1 jitħassru l-“azzjonijiet” preċedenti għall-esportazzjonijiet minn New Zealand lejn l-Unjoni u li tiġi introdotta “azzjoni” ġdida li titlob lill-Unjoni tikkunsidra li tanalizza l-ittestjar tas-semen għar-rhinotracheitis bovina infettiva (IBR) permezz tal-metodoloġija tal-ittestjar ta’ reazzjoni katina tal-polimerażi (PCR) approvata mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), li ttiprovi assigurazzjoni ekwivalenti għall-ħelsien mill-mard tal-IBR. Għalhekk huwa xieraq li jkunu emendati l-kundizzjonijiet speċjali fil-Kapitolu 1 u 2 tat-Taqsima 1 u d-dispożizzjonijiet ta’ ċertifikazzjoni rilevanti fil-Kapitolu 28 tat-Taqsima 5 tal-Anness V tal-Ftehim.
- (6) F’dak li għandu x’jaqsam ma’ naħal ħaj, l-Unjoni adottat leġiżlazzjoni ġdida dwar l-ejenkar ta’ Stati Membri jew reġjuni ħielsa mill-varroażi fin-naħal u li fil-każ tagħhom japplikaw xi restrizzjonijiet kummerċjali. Dawn japplikaw ukoll għall-importazzjonijiet minn New Zealand, minħabba li din mhix ħielsa minn din il-marda. Il-Partijiet irrakkomandaw li fil-Kapitolu 3 dwar l-“Annimali ħajjin” tat-Taqsima 1 tal-Anness V tal-Ftehim, fil-każ tan-naħal ħaj u n-naħal baġhli, inkluża l-“ġermoplażma tan-naħal/tan-naħal baġhli” spjegata mal-kundizzjonijiet speċjali, tiżdied restrizzjoni fuq l-esportazzjoni lejn l-Istati Membri jew reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/503/UE⁽²⁾. L-Unjoni emendat ukoll il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tal-larva Amerikana fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/270/UE⁽³⁾. Il-Partijiet għalhekk irrakkomandaw ukoll li jiġi emendat il-Kapitolu 28 dwar “Dispożizzjonijiet Mixxellanji ta’ Ċertifikazzjoni” tat-Taqsima 5 tal-Anness V tal-Ftehim.
- (7) Għal raġunijiet ta’ konsistenza mal-Kapitolu 4.B dwar il-“Laħam tat-Tjur Frisk” tat-Taqsima 2 tal-Anness V tal-Ftehim, il-Partijiet qablu li jiġi emendat it-Titolu tat-Taqsima 2 fl-Anness V tagħha, billi tiġi inkluża l-kelma “frisk” wara “laħam tat-tjur”.
- (8) New Zealand wettqet valutazzjoni tar-riskju dwar is-sindromu riproduttiv u respiratorju tal-ħnieżer (PRRS) u emendat il-kundizzjonijiet tagħha fuq l-importazzjoni tal-majjal. Il-Partijiet għalhekk irrakkomandaw li l-PRRS jiżdied mal-kundizzjonijiet speċjali tal-Kapitolu 4.A. dwar il-“Laħam Frisk” tat-Taqsima 2 tal-Anness V tal-Ftehim, dwar is-saħħa tal-annimali, il-ħnieżer għall-esportazzjoni mill-Unjoni għal New Zealand u li jistabbilixxi l-attestazzjonijiet rilevanti fil-Kapitolu 28 tat-Taqsima 5 tal-Anness V tiegħu.
- (9) New Zealand irrevediet ir-regoli tagħha dwar l-użu tal-kartun fl-immaniġġjar tal-laħam fl-2010. L-Unjoni evalwat dawk ir-regoli ġodda u stabbiliet li huma ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni. Għaldaqstant il-Partijiet qablu li jżommu dik l-ekwivalenza, u li ma hemm bżonn ta’ ebda bidla fl-Anness V tal-Ftehim.
- (10) New Zealand irrevediet is-sistema tagħha ta’ spezzjoni tal-laħam tal-bovini, l-ovini u l-kaprini fl-2012. Il-bidliet ewlenin jikkonċernaw it-trasferiment tal-kompiti ta’ spezzjoni tal-laħam marbuta mal-kwalità lill-operatur tan-negozju tal-ikel, filwaqt li s-superviżjoni globali tibqa’ għand l-awtorità kompetenti. L-Unjoni evalwat dawk ir-regoli ġodda u stabbiliet li huma ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni. Għaldaqstant il-Partijiet qablu li jżommu dik l-ekwivalenza, u li ma hemm bżonn ta’ ebda bidla fl-Anness V tal-Ftehim.
- (11) New Zealand wettqet valutazzjoni tar-riskju bbażata fuq ix-xjenza dwar prodotti tal-ħalib mhux ipproċessat u stabbiliet ir-rekwiżiti tal-importazzjoni u l-mekkaniżmi legali biex tirrikonoxxi l-ekwivalenza għal prodotti tal-ħalib mhux pasturizzati (minbarra l-ħalib mhux ipproċessat). L-Unjoni studjat din l-evalwazzjoni u ż-żewġ Partijiet ikkonkludew u rrakkomandaw li tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza reċiproka fuq dawn il-prodotti fl-2010.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta’ Diċembru 2002 li tirrigwarda l-iżvilupp ta’ sistema veterinarja integrata u komputerrizzata (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 44).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/503/UE tal-11 ta’ Ottubru 2013 li tirrikonoxxi partijiet tal-Unjoni bħala ħielsa mill-varroażi fin-naħal u li tistabbilixxi garanziji addizzjonali mitluba fil-kummerċ fl-Unjoni u fl-importazzjonijiet biex titħares il-qagħda ħielsa mill-varroażi tagħhom (ĠU L 273, 15.10.2013, p. 38).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/270/UE tas-6 ta’ Mejju 2010 li temenda l-Partijiet 1 u 2 tal-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward taċ-ċertifikati mudelli tas-saħħa tal-annimali minn stabbilimenti u għan-naħal u n-naħal baġhli (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 56).

Għall-konsistenza u s-simplifikazzjoni, il-Partijiet irrakkomandaw li fil-Kapitolu 8 dwar il-“Ħalib u l-prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem” tat-Taqsima 3 tal-Anness V tal-Ftehim, is-subtipi “Ġobnijiet rotob minn ħalib mhux ipproċessat” u “Ġobnijiet iebsa minn ħalib mhux ipproċessat (il-Parmiġġan)” jiġu sostitwiti bis-subtipi għdid “Prodotti tal-ħalib mhux pasturizzati (minbarra l-ħalib mhux ipproċessat)” issettjat fl-istatus “Iva-1” mingħajr xi kundizzjonijiet speċjali.

- (12) L-Unjoni rrieżaminat ir-regoli tagħha dwar il-metodi tal-ittestjar biex jinstabu bijotossini marini fil-molluski bivalvi ħajjin fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 15/2011 ⁽¹⁾. New Zealand ressqet lill-Unjoni d-dossiers ta' ekwivalenza dwar il-metodi tal-ittestjar għall-bijotossini kif ukoll il-kriterji ta' approvazzjoni fis-sinjuri 2003, 2006 u 2010. Wara li saret evalwazzjoni, il-Partijiet stabbilew li s-sistemi ta' xulxin huma ekwivalenti, u li ma hemm bżonn ta' ebda bidla fl-Anness V tal-Ftehim.
Ġobon termizzat	<p>Għall-kummerċ mill-UE lejn NZ</p> <p>Il-ġobon termizzat għandu inqas minn 39 % ta' kontenut moxx u pH ta' inqas minn 5.6. Il-ħalib użat biex jipproduċu dan il-ġobon jissaħħan malajr sa 64.5 °C għal 16-il sekonda. Il-ġobon jinżamm għal mhux inqas minn 7 C għal 90 jum.</p>

29. Ftehim reċiproku għal miżuri ta' kontroll tal-mard

29.A. Ftehim reċiproku għall-istatus tal-mard għal mard speċifiku

Rabja	New Zealand, ir-Renju Unit, Malta, l-Irlanda u l-Iżvezja huma rikonoxxuti bħala ħielsa mir-rabja.
Anemija infettiva ekwina	New Zealand hija rikonoxxuta bħala ħielsa mill-EIA
Bruċellosi	New Zealand hija rikonoxxuta bħala ħielsa mill- <i>Brucella abortus</i> u mill- <i>B. mellitensis</i>
Deni-Q	New Zealand hija rikonoxxuta bħala ħielsa mid-Deni-Q
BVD tip II	New Zealand hija rikonoxxuta bħala ħielsa mid-BVD tip II
Marda tal-ilsien blu u l-EHD	New Zealand hija rikonoxxuta bħala ħielsa mill-marda tal-ilsien blu u l-EHD L-UE tagħmel sottomissjoni lil NZ għall-ħelsien mill-EHD
Koleotteru tal-ġabsala	New Zealand u l-UE huma rikonoxxuti bħala ħielsa mill-koleotteru tal-ġabsala
Dudu tat-Tropilaelaps	New Zealand u l-UE huma rikonoxxuti bħala ħielsa mill-araknidi Tropilaelaps

Nru 29.B. Ftehim reċiproku dwar il-miżuri ta' kontroll tal-mard f'każ li tokkorri marda speċifika

Iċ-ċertifikati tas-saħħa uffiċjali, b'mod konformi mat-Taqsima 1(b) tal-Anness VIII tal-Ftehim, għandu jkollhom l-attestazzjonijiet addizzjonali rilevanti elenkati fil-Kapitolu 29 ta' dan l-Anness.

Attestazzjoni Ġenerali għall-prodotti bażiċi kollha:

Il-prodott bażiku deskritt hawn isfel inżammet separata minn kull prodott bażiku ieħor li ma laħqitx ir-rekwiżiti matul l-istadji kollha tal-produzzjoni, il-ħżin u t-trasport u ttieħdu l-prekawżjonijiet li hemm b'żonn sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-prodott bażiku ma' kull sors potenzjali ta' [niżżel hawn taħt il-marda rilevanti fil-kolonna tal-mard] vajrus.

Attestazzjoni speċifika tal-mard:

Il-prodotti bażiċi elenkati fil-Kapitolu 29 minn i) sa xxx), flimkien mal-Attestazzjoni Ġenerali (imniżżla hawn fuq), għall-prodotti bażiċi kollha għandu jkollhom l-attestazzjonijiet tal-mard relevanti kif imsemmi hawn isfel:

Prodott bażiku	Marda	Attestazzjoni tal-Mard Numru*) L-attestazzjonijiet volontarji taċ-ċertifikat għandhom jiġu pprattikati biss meta applikabbli.
(i) Ħalib u Prodotti tal-Ħalib 8.0 13.0	FMD	<p>Il-ħalib/prodotti tal-ħalib deskritti kif ġej:</p> <p>JEW</p> <p>1*) ġew sterilizzati ta' mill-anqas mill-F₀3.</p> <p>JEW</p> <p>2*) ġew trattati permezz ta' temperatura għolja ħafna (UHT) ta' 132 C ta' mill-inqas sekonda (1).</p> <p>JEW</p> <p>3*) kellhom pH ta' inqas minn 7.0 qabel ma għaddew minn temperatura għolja — trattament ta' pasturizzazzjoni ta' żmien qasir (HTST) ta' 72 C għal 15-il sekonda.</p> <p>JEW</p> <p>4*) kellhom pH ta' iktar minn 7.0 qabel ma għaddew minn temperatura għolja — trattament ta' pasturizzazzjoni ta' żmien qasir (HTST) ta' 72 C għal 15-il sekonda.</p> <p>JEW</p> <p>5*) kienu soġġetti għal temperatura għolja- pasturizzazzjoni ta' żmien qasir (HTST) flimkien mat-tnaqqis ta' inqas minn pH 6 għal siegħa.</p> <p>JEW</p> <p>6*) kienu soġġetti għal temperatura għolja — pasturizzazzjoni ta' żmien qasir (HTST) flimkien ma' żieda ta' tisħin sa 72 C u mad-des-sikazzjoni jew proċess ekwivalenti vvalidat u dessikazzjoni/tnixxif approvat li mill-inqas jilħaq effett termali ekwivalenti sa 72 C għal 15-il sekonda.</p>
(ii) Laħam (inkluż il-laħam ikkapuljat) u l-preparazzjonijiet tal-laħam minn biungulati minbarra r-ras, is-saqajn, il-vixxri u l-laħam mill-ħnieżer (suidae): 4.A 4.C 5.A 5.C	FMD	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel (mingħajr saqajn, ras u vixxri):</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. ġie minn animali li kienu soġġetti għal spezzjonijiet <i>ante-mortem</i> u <i>post-mortem</i> u nstabu ħielsa minn kull sinjal li jissuġġerixxi l-FMD; 2. ġie minn karkassi dissussati li tneħħew minnhom il-ġewwieni u l-glandoli limfatiċi maġġuri; 3. ġie soġġett għall-maturazzjoni b'temperatura 'l fuq minn 2 C għal mill-inqas 24 siegħa u jilħaq il-valur ta' taħt il-pH 6 meta ttestjat fin-nofs tal-muskolu <i>longissimus dorsi</i> wara l-maturazzjoni u qabel id-dissussat; 4. ma ġiex minn animali maqtula jew ipproċessati fi stabbiliment li jinsabu fi ħdan żona indikata ta' protezzjoni jew sorveljanza 5. laħam ġej mill-animali fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza huwa soġġett għal kontroll uffiċjali u ġie identifikat u kkontrollat sabiex jiżgura l-esklużjoni tiegħu mill-konsenja.

<p>(iii) Laħam (inkluż il-laħam ikkapuljat) u prodott mill-annimali oħra (inkluż il-ġewwieni) li ġej minn biungulati inklużi l-ħnieżer (<i>suidae</i>): 4.A 4.C 5.A 5.C 7.A 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 11.E</p>	<p>FMD</p>	<p>Il-[<i>niżżel il-prodott bażiku kif xieraq</i>] kif deskritt hawn taħt:</p> <p>1) ġie minn annimali li kienu soġġetti għal spezzjoni <i>ante-mortem</i> u <i>post-mortem</i> u nstabu ħielsa minn kull sinjal li jissuġġerixxi l-FMD;</p> <p>U JEW</p> <p>2*) ġie minn annimali maqtula 21 ġurnata qabel id-data mistennija ta' infezzjoni l-aktar bikrija fit-territorju; u ma ġiex minn annimali maqtula jew ipproċessati fi stabbiliment li jinsabu f'żona indikata ta' protezzjoni jew sorveljanza.</p> <p>JEW</p> <p>3*) ġie minn annimali li kienu residenti f'azjenda ta' mill-inqas 21 ġurnata u kienu identifikati sabiex jippermetti t-traċċar tal-azjenda tal-oriġini; iżda ma ġiex minn annimali residenti fl-azjendi fi ħdan żona ta' protezzjoni jew sorveljanza; u l-prodott bażiku ġie identifikat u miżmum b'mod ċar taħt superviżjoni uffiċjali għal mill-inqas sebat (7) ijiem u ma tneħħietx sakemm kull suspett ta' infezzjoni tal-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer dwar l-azjenda tal-oriġini ġiet uffiċjament eliminata fi tmiem il-perjodu ta' detenzjoni;</p> <p>U</p> <p>4. laħam ġej mill-annimali fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza huwa soġġett għal kontroll uffiċjali u ġie identifikat u kkontrollat sabiex jiżgura l-esklużjoni tiegħu mill-konsenja.</p>
<p>(iv) Laħam u preparazzjonijiet tal-laħam mit-Tjur (inklużi d-dundjani): 4.B 4.C 5.B 5.C</p>	<p>HPNAI — In-notifika b'mod konformi mal-kriterja tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri OIE</p>	<p>Il- [<i>niżżel il-prodott bażiku kif xieraq</i>] kif deskritt hawn taħt ġej minn annimali li:</p> <p>JEW</p> <p>1*) ġew minn azjenda li kienet qiegħda fiż-żona ta' protezzjoni jew sorveljanza; u kull laħam ġej mill-annimali fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza huwa soġġett għal kontroll uffiċjali u ġie identifikat u kkontrollat sabiex tkun żgurata l-esklużjoni tiegħu mill-konsenja.</p> <p>JEW</p> <p>2*) ġew minn azjenda fiż-żona ta' sorveljanza iżda barra miż-żona ta' protezzjoni u t-testijiet ħarġu b'95 % probabbiltà li jinstab 5 % prevalenza tal-infezzjoni HPNAI ta' 7 ijiem qabel il-qatla permezz tal-użu ta' testijiet biex jinstab il-virus, u/jew it-testijiet seroloġiċi, b'testijiet negattivi; u ġew maqtula fi stabbiliment nominat li ma pproċessax tjur infettat bl-HPNAI mill-aħħar li ġie mnaddaf u diżinfettat, li ġew soġġetti għal eżaminazzjonijiet <i>ante-mortem</i> u <i>post-mortem</i> u ma wrew ebda sinjali li jissuġġerixxu l-HPNAI; u kull laħam ġej mill-annimali fiż-żona ta' protezzjoni huwa soġġett għal kontroll uffiċjali u ġie identifikat u kkontrollat sabiex tkun żgurata l-esklużjoni tiegħu mill-konsenja.</p> <p>JEW</p> <p>3*) ġew ipproċessati f'data ta' mill-inqas 21 ġurnata qabel id-data maħsuba tal-infezzjoni l-aktar bikrija.</p>

<p>(v) Laħam u prepa-razzjonijiet tal-laħam mit-Tjur (inklużi d-dundjani): 4.B 4.C 5.B 5.C</p>	<p>LPNAI In-notifika b'mod konformi mal-kriterja tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Animali Terrestri OIE</p>	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn taħt ġej minn animali li:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. ġew minn azjenda li ma kellha ebda evidenza tal-LPNAI matul l-aħħar 21 ġurnata; 2. ġew maqtula fi stabbiliment approvat li ma pproċessax it-tjur infettat bl-LPNAI mill-aħħar li ġie mnaddaf u ddiżinfettat; 3. ġew soġġetti għall-eżaminazzjonijiet <i>ante-mortem</i> u <i>post-mortem</i> u li ma wrew ebda sinjali li jissuġġerixxu l-LPNAI;
<p>(vi) Laħam u prepa-razzjonijiet tal-laħam mit-Tjur (inklużi d-dundjani): 4.B 4.C 5.B 5.C</p>	<p>ND</p>	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn taħt ġej minn:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. Animali minn azjendi ħielsa mill-ND u li ma jinsabux f'żona protetta u sorveljat mill-ND; U JEW 2*) li ma ġewx imlaqqma kontra l-ND; JEW 3*) li tlaqqmu kontra l-ND bl-użu ta' vaċċin li jikkonforma mal-istandards deskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/152/KEE (in-natura tat-tilqim użat u d-data tal-tilqim għandhom jiġu indikat fuq iċ-ċertifikat). U 4. L-animali ma wrew ebda sinjal kliniku ta' ND fil-ġurnata tal-konsenja lejn il-biċċerija u kienu soġġetti għall-eżaminazzjoni <i>ante-mortem</i> u <i>post-mortem</i> fejn ma wrew ebda sinjali kliniċi li jissuġġerixxu l-ND; inqatlu fi stabbiliment approvat li huwa soġġett għal spezzjoni regolari mill-Awtorità Kompetenti Veterinarja u li ma pproċessax tjur infettat bl-ND mill-aħħar li ġew innaddfa u diżinfettati.
<p>(vii) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra li ġejjin minn biungulati inklużi l-ħmieżer (<i>suidae</i>) u t-tjur (inklużi t-tjur): 6.A 6.B 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	<p>FMD, CSF, SVD, ASF, RND, ND, LPNAI, HPNAI, PPR</p>	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel ġie ttrattat bis-sħana f'kontenitur ermetikament issiġillat b'valur F_0 ta' 3.00 jew iktar</p>

<p>(viii) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra li ġejjin minn biungulati inklużi l-ħnieżer (<i>suidae</i>) u t-tjur (inklużi t-tjur): 6.A 6.B 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	<p>FMD, CSF, SVD, RND, ND, LPNAI, HPNAI, PPR</p>	<p>JEW 1*) Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel ġie ttrattat bis-sħana sa temperatura minima ta' 70 °C matul il-proċess tal-prodott. JEW 2*) Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel ġie ttrattat bis-sħana sa 70 °C għal minimu ta' 30 minuta jew proċess termali ekwivalenti validu u approvat.</p>
<p>(ix) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra li ġejjin minn biungulati inklużi l-ħnieżer (<i>suidae</i>): 6.A 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	<p>FMD, CSF, SVD, ASF, RND, PPR</p>	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel ġie ttrattat bis-sħana f'kontenitur ermetikament issiġillat sa mill-inqas 60 C għal minimu ta' 4 sigħat, matul il-ħin li t-temperatura ċentrali leħqet sa 70 °C għal 30 minuta.</p>
<p>(x) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra li ġejjin mill-ħnieżer (<i>suidae</i>): 6.A 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	<p>ASF</p>	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel ġie ttrattat bis-sħana sa temperatura minima ta' 80 °C matul il-proċess tal-prodott.</p>

<p>(xi) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra (mingħajr għadam) li ġejjin minn biungulati inklużi l-ħnieżer (suidae): 6.A 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	<p>FMD, CSF, SVD, ASF, RND</p>	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel huwa mingħajr għadam u għadma minn proċess ta' fermentazzjoni u maturazzjoni naturali għal mhux inqas minn disa' xhur li wassal għal dawn il-karatteristiċi: Valur ta' mhux aktar minn 0.93 jew valur ta' pH ta' mhux iktar minn 6.0</p>
<p>(xii) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra (inkluża l-għadma) ġejjin minn biungulati inklużi l-ħnieżer (suidae): 6.A 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	<p>FMD, CSF, SVD</p>	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel jaf ikollu l-għadam u għadma minn proċess ta' fermentazzjoni u maturazzjoni naturali għal mhux inqas minn disa' xhur li wassal għal dawn il-karatteristiċi: Valur ta' mhux aktar minn 0.93 jew valur ta' pH ta' mhux iktar minn 6.0</p>
<p>(xiii) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra li ġejjin minn biungulati inklużi l-ħnieżer (suidae): 6.A 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	<p>FMD, PPR</p>	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel ġie ttrattat bis-sħana biex jiżgura temperatura ċentrali ta' mill-inqas 65 °C li tilħaq għall-ħin meħtieġ valur ta' pastorizzazzjoni (PV) daqs, jew iktar minn 40 °C.</p>

<p>(xiv) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra li ġejjin mill-ħnieżer (<i>suidae</i>): 6.A 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	CSF	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel huwa laħam tal-majjal imnixxef¹ u huwa; JEW 1*) Perżut tal-majjal bl-ġhadam mill-Italja li tnixxef bil-melħ għal minimu ta' 313 ġurnata¹; JEW 2*) Majjal bl-ġhadam minn Spanja, spalla Iberika, li tnixxfet bil-melħ għal minimu ta' 252 ġurnata¹; JEW 3*) Perżut bl-ġhadam minn Spanja, lojn Iberika, li tnixxfet bil-melħ għal minimu ta' 126 ġurnata¹; JEW 4*) Majjal bl-ġhadam minn Spanja, perżut ta' Serrano, li tnixxef bil-melħ għal minimu ta' 140 ġurnata¹; Nota f'qiegħ il-paġna ¹: Fil-ħin tal-pubblikazzjoni, il-kundizzjonijiet ta' importazzjoni għal-laħam tal-majjal fi New Zealand jistgħu japplikaw ħinijiet ta' tmelliħ li jaqbżu l-minimu kif iddikjarat fis-CSF.</p>
<p>(xv) Prodotti tal-laħam u prodotti pproċessati oħra li ġejjin mill-ħnieżer (<i>suidae</i>): 6.A 6.C 6.D 7.B 7.C 7.D 7.E 7.F 7.G 7.H</p>	ASF	<p>Il- [niżżel il-prodott bażiku kif xieraq] kif deskritt hawn isfel ġie soġġett għat-trattament li jinvolvi fermentazzjoni u maturazzjoni naturali għal mill-inqas 190 ġurnata għall-prieżet u 140 ġurnata għal-lojns.</p>
<p>(xvi) Ġlud tal-Annimali tar-ruminanti: 7.A 12.0</p>	FMD	<p>Il-ġlud tal-annimali kif deskritti hawn taħt tnaddfu, nbarxu u tmelliħu bil-klorur tas-sodju għal 30 ġurnata jew ġew ibbliċjati jew imnixxfawara li nbarxu, u wara t-trattament ġew protetti milli jergħu jiġu kkontaminati.</p>

<p>(xvii) Proteini, xaħam, grass u ikel tal-annimali pproċessati (immaċinati) li ġejjin minn unġulati u tjur (inklużi d-dundjani): 15.0 17.0 21.0</p>	<p>FMD, SVD, RND, PPR, ASF, ND, LSD</p>	<p>Il-[<i>niżżel il-prodott bażiku kif xieraq</i>] kif deskritt hawn isfel ġie ttrattat bis-sħana b'mod konformi mal-istandards regolatorji minimi u sa minimu ta' 90 C għal għaxar minuti matul il-proċess tal-prodott.</p>
<p>(xviii) Suf u fibra mir-ruminanti: 20.0</p>	<p>FMD, RND</p>	<p>JEW 1*) Il-[<i>niżżel il-prodott bażiku kif xieraq</i>] kif deskritt hawn isfel ġie maħżun f'18 C għal 4 ġimgħat, jew 4 C għal 4 xhur, jew 37 C għal 8 ijiem JEW 2*) Il-[<i>niżżel il-prodott bażiku kif xieraq</i>] kif deskritt hawn isfel ġie soġġett għal għorik industrijali permezz ta' immersjoni f'deterġent li jinħall fl-ilma minn 60-70 °C. JEW 3*) Il-[<i>niżżel il-prodott bażiku kif xieraq</i>] mhux ipproċessat ġie mnaddaf, imnixxef u magħluq b'mod sikur f'imballaġġ b'mod konformi mar-rekwiiti tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009</p>
<p>(xix) Ġlud ħoxnin u ġlud ittrattati: 19</p>	<p>FMD, RND</p>	<p>Il-ġlud ħoxnin jew il-ġlud kif deskritti hawn isfel ġew immellħa għal 7 ijiem f'melħ tal-baħar b'mill-inqas 2 % ta' karbonat tas-sodju.</p>
<p>(xx) Ġlud ħoxnin u ġlud ittrattati: 19</p>	<p>FMD</p>	<p>JEW 1*) Il-ġlud ħoxnin jew il-ġlud kif deskritti hawn isfel ġew immellħa fin-nixef jew fl-ilma mielaħ għal 14-il jum qabel ma ntbagħtet il-konsenja u ġew ittrasportati bil-baħar. JEW 2*) Il-ġlud ħoxnin jew il-ġlud kif deskritti hawn isfel ġew imnixxfa għal 42 jum f'temperaturi ta' mill-inqas 20 C.</p>

<p>(xxii) Ġlud ħoxnin u ġlud kompletament ittrattati (ġlud imxarrbin blu, imnaddfin, trattati bil-ġir jew ġlud ħoxnin li għaddew mill-proċess ta' kkunzar): 19</p>	<p>FMD, RND</p>	<p>Il-ġlud ħoxnin u ġlud trattati kompletament jistgħu jiġu nnegożjati mingħajr restrizzjoni sakemm dawn il-prodotti jingħaddew għall-proċessi kemikali u mekkaniċi tas-soltu fl-użu tal-industrija tal-ikkunzar.</p> <p>L-attestazzjoni li ġeġja tista' tapplika sabiex jiġi ffaċilitat in-negożju:</p> <p>Il-ġlud ħoxnin u l-ġlud trattati kompletament u deskritti hawn fuq, jingħaddew għall-proċessi kemikali u mekkaniċi tas-soltu fl-użu tal-industrija tal-ikkunzar.</p>
<p>(xxiii) Semen Bovin: 1</p>	<p>FMD</p>	<p>Is-semen deskritt kif ġej:</p> <p>JEW</p> <p>1*) ġie minn annimali donaturi li nżammu f'ċentru tal-ġbir tas-semen fejn ma ġie miżjud ebda annimal fl-aħħar 30 jum qabel il-ġbir u ma ħarġitx l-FMD fi ħdan 10 kilometri għal 30 jum qabel u wara l-ġbir, u li ma wrew ebda sinjal kliniku tal-FMD fil-jum tal-ġbir, ma tlaqqmux kontra l-FMD u ġew soġġetti, għal mill-inqas 21 jum wara l-ġbir tas-semen, b'testijiet għall-antikorpi kontra l-vajrus tal-FMD, b'riżultati negattivi, u l-ebda annimal ieħor preżenti fiċ-ċentru tal-ġabra tas-semen ma' ġie mlaqqam kontra l-FMD. Barra minn hekk, is-semen inġabar għaċ-ċentru tal-ġbir tas-semen li ma jinsabx f'żona ta' protezzjoni u sorveljanza u kull semen miġbur fi ħdan żona ta' protezzjoni u sorveljanza ġie identifikat u segwit b'mod ċar taħt superviżjoni uffiċjali; u s-semen miġbur, ġie iktar tard ipproċessat u maħżun b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4.5 jew Kapitolu 4.6 rilevanti mal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimal Terrestri tal-OIE u ġie iktar tard maħżun f'pajjiż ta' oriġini għal perjodu ta' mill-inqas xahar wara l-ġbir, u matul dan il-perjodu ebda annimal fl-istabbiliment fejn kien hemm l-annimali donaturi ma wera sinjal tal-FMD.</p> <p>JEW</p> <p>2*) inġabar u nħażen fil-friża għal mill-inqas 21 jum qabel id-data mistennija tal-ewwel infezzjoni bil-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-azjenda taż-żona ta' protezzjoni u sorveljanza; u kull semen miġbur wara l-ġurnata tal-ewwel infezzjoni ġie maħżun b'mod separat u nħareġ wara li tneħħew il-miżuri kollha dwar l-FMD; u l-annimali kollha li jinsabu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għaddew minn eżaminazzjoni klinika u l-kampjuni li ttieħdu kienu soġġetti għal test seroloġiku biex jiġi ġġustifikat in-nuqqas ta' infezzjoni fiċ-ċentru kkonċernat. u l-annimali donaturi ġew soġġetti b'riżultat negattiv għal test seroloġiku għall-identifikazzjoni tal-antikorpi kontra l-vajrus tal-FMD f'kampjun li ma tteħidx qabel 28 jum tal-ġbir tas-semen.</p>
<p>(xxiv) Semen Bovini: 1</p>	<p>BT</p>	<p>Is-semen deskritt hawn isfel ġie minn annimali donaturi:</p> <p>JEW</p> <p>Li nżammu fi stabbiliment protett mill-vettur għal mill-inqas 60 jum qabel ma beda jinġabar is-semen u matul il-ġbir tas-semen;</p>

		<p>JEW</p> <p>Li ġew soġġetti għal test seroloġiku skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri tal-OIE sabiex jinsab l-antikorp tal-grupp BTV, b'riżultati negattivi, mill-inqas kull 60 jum matul il-perjodu ta' ġbir u bejn 21 jum u 60 jum wara l-aħħar ġbir għall-konsenja li għandha tiġi esportata:</p> <p>JEW</p> <p>Li ġew soġġetti għal test ta' identifikazzjoni tal-aġent skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri tal-OIE dwar kampjuni tad-demem miġbura fil-bidu u fl-aħħar ta' u mill-inqas kull 7 ijiem (it-test tal-iżolament tal-vajrus) jew mill-inqas kull 28 jum (għat-test tal-PCR) matul il-ġbir tas-semen għall-konsenja b'riżultati negattivi li għandha tiġi esportata:</p> <p>JEW</p> <p>Iċ-ċentru ta' ġabra ta' semen m'huwiex fi ħdan żona (ristretta) infettata. Is-semen minn żoni infettati (ristretti) ġie identifikat u segwit b'mod ċar taħt superviżjoni uffiċjali.</p> <p>U</p> <p>Is-semen ġie miġbur, ipproċessat u maħżun f'konformità mal-istandards tal-OIE.</p>
(xxv) Semen Bovini: 1	LSD	<p>Is-semen deskritt hawn isfel ġej minn annimali donaturi:</p> <p>Li ma wrew ebda sinjal kliniku tal-LSD fil-jum tal-ġbir tas-semen u għal 28 jum ta' wara; u l-annimali nżammu f'pajjiż tal-esportazzjoni għal 28 jum qabel il-ġbir, f'ċentru tal-ġabra tas-semen fejn, tul dak il-perjodu, ma ġie rrapportat (b'mod uffiċjali) ebda każ ta' LSD, u ċ-ċentru ma kien jinsab la fiż-żona infettata mil-LSD u lanqas fiż-żona ta' lqugħ u kull semen miż-żona ta' lqugħ ġie identifikat u kkontrollat b'mod ċar.</p>
(xxvi) Embrijuni bovini derivati in vivo minbarra l-embrijuni li kienu soġġetti għall-penetrazzjoni taż-żona pellucida): 2	FMD	<p>L-embrijuni derivati <i>in vivo</i> kif deskritti hawn isfel ġew minn donaturi li:</p> <p>Kienu ħielsa minn sinjali kliniċi ta' FMD, fil-ħin tal-ġabra; u li minnhom l-embrijuni ġew konċeputi minn inseminazzjoni artifiċjali permezz tas-semen miġbur, ipproċessat u maħżun f'ċentri tal-ġbir tas-semen approvat minn awtorità kompetenti b'mod konformi mal-istandards tal-OIE. Barra minn hekk, l-embrijuni kienu miġbura, ipproċessati u maħżuna b'mod konformi mal-istandards stabbiliti mill-awtorità kompetenti;</p> <p>U</p> <p>L-annimali donaturi li l-embrijuni nġabru minnhom oriġinaw minn merġha(t) li kienet/kienu jinsabu fi ħdan żona ta' protezzjoni jew sorveljanza. L-embrijuni miġbura fi ħdan iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza ġew identifikati u segwiti b'mod ċar taħt superviżjoni uffiċjali.</p>

<p>(xxvii) Embrijuni bovini derivati in vivo minbarra l-embrijuni li kienu soġġetti għall-penetrazzjoni taż-żona pellucida): 2</p>	<p>BT</p>	<p>L-embrijuni derivati <i>in vivo</i> kif deskritti hawn isfel ġew minn donaturi li: Ġew meħlusa minn sinjali kliniċi tal-BT fil-ħin tal-ġbir u li minnhom l-embrijuni ġew konċeputi minn inseminazzjoni artifiċjali permezz tas-semen miġbur, ipproċessat u maħżun f'ċentri tal-ġbir tas-semen approvat minn awtorità kompetenti b'mod konformi mal-istandars tal-OIE. U L-embrijuni ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna b'mod konformi mal-istandars stabbiliti mill-awtorità kompetenti.</p>
<p>(xxviii) Embrijuni bovini derivati in vivo minbarra l-embrijuni li kienu soġġetti għall-penetrazzjoni taż-żona pellucida): 2</p>	<p>VS</p>	<p>L-embrijuni derivati <i>in vivo</i> kif deskritti hawn isfel ġew minn donaturi li: Qabel u matul il-ġbir, inżammu għal 21 jum fi stabbiliment fejn ma ġie rrapportat ebda każ ta' VS matul dak il-perjodu, u ġew soġġetti għat-test dijanjostiku għall-VS, b'riżultati negattivi, fi żmien 21 jum qabel il-ġabra tal-embrijuni. Barra minn hekk, l-embrijuni ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna f'konformità man-notifikazzjoni tal-istandars tal-OIE. u l-istabbilimenti ma kienx fiż-żona ta' protezzjoni jew sorveljanza. L-embrijuni miġbura fi ħdan żoni ta' protezzjoni u sorveljanza ġew identifikati u segwiti b'mod ċar taħt superviżjoni uffiċjali.</p>
<p>(xxix) Embrijuni bovini derivati in vivo minbarra l-embrijuni li kienu soġġetti għall-penetrazzjoni taż-żona pellucida): 2</p>	<p>CBPP</p>	<p>L-embrijuni derivati <i>in vivo</i> kif deskritti hawn isfel ġew minn donaturi li: JEW 1*) ma tlaqqmux kontra s-CBPP u kienu soġġett għat-test ta' fissazzjoni tal-komplement għas-CBPP b'riżultati negattivi, f'żewġ okkażjonijiet, b'waqfa ta' mill-inqas 21 jum u mhux iktar minn 30 jum bejn kull test filwaqt li t-tieni test isir matul 14-il jum qabel il-ġbir; u ġew iżolati minn <i>bovidae</i> domestiku ieħor mill-jum tal-ewwel tat-test ta' fissazzjoni tal-komplement sal-ġbir; JEW 2*) tlaqqmu permezz ta' vaċċin li jikkonforma mal-istandars tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Animali Terrestri tal-OIE mhux aktar minn 4 xhur qabel il-ġbir; U ma wrew ebda sinjal kliniku tas-CBPP fil-ġurnata tal-ġbir tal-embrijuni; u nżammu mit-twelid, jew l-aħħar 6 xhur, f'merġha(t) li ma ġie rrapportat l-ebda każ tas-CBPP matul dak il-perjodu, u l-merġha(t) ma kinitx/kinux jinsabu fiż-żona infettata mis-CBPP; u l-embrijuni ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna b'mod konformi mal-istandars stabbiliti mill-awtorità kompetenti.</p>

(xxx) Bajd tat-tjur għat-tfaqqis: 2	LPNAI, HPNAI — In-notifika b'mod konformi mal-kriterja tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Animali Terrestri OIE tal-influenza avjarja (notifikabbli lill-OIE) Marda ta' Newcastle	Għall-kummerċ mill-UE lejn NZ: Il-bajd għat-tifqis tat-tjur kif deskritt hawn isfel ġej minn merħliet u mfaqas fi ħdan il-Ministeru tal-Industriji Primarji approvati bħala kompartiment ħieles ta' influenza tat-tjur notifikabbli [u/jew] il-marda ta' Newcastle [ħassar kif xieraq]
(xxxi) Nahal ħaj/naħal bagħli 3	Koleotteru tal-ġabsala (<i>Aethina tumida</i>)	Għall-kummerċ min-NZ lejn l-UE: (a) id-doqqajs ġej minn żona b'raġġ ta' mill-inqas 100 km li mhix soġġetta għal xi restrizzjonijiet assoċjati ma' suspett jew każ ta' preżenza tal-ħanfusa żgħira tad-doqqajs (<i>Aethina tumida</i>) u meta dawn l-infestazzjonijiet kienu assenti; (b) in-naħal/naħal bagħli ⁽¹⁾ kif ukoll l-imballaġġ tiegħu għadda minn eżami viżwali sabiex tiġi identifikata l-okkorrenza tal-ħanfusa żgħira tad-doqqajs (<i>Aethina tumida</i>) jew il-bajd u l-larva tan-naħal. ⁽¹⁾ <i>Aqta' kif xieraq</i>
(xxxii) Nahal ħaj/naħal bagħli 3	L-araknidi Tropilaelaps (<i>Tropilaelaps</i> spp.)	Għall-kummerċ minn New Zealand lejn l-UE: (a) id-doqqajs ġej minn żona b'raġġ ta' mill-inqas 100 km li mhix soġġetta għal xi restrizzjonijiet assoċjati ma' suspett jew każ ta' preżenza tal-araknidi Tropilaelaps (<i>Tropilaelaps</i> spp.) u meta dawn l-infestazzjonijiet kienu assenti; (b) in-naħal/naħal bagħli ⁽¹⁾ kif ukoll l-imballaġġ tiegħu għadda minn eżami viżwali sabiex tiġi identifikata l-okkorrenza tal-araknidi Tropilaelaps (<i>Tropilaelaps</i> spp.). ⁽¹⁾ <i>Aqta' kif xieraq</i> .

⁽¹⁾ Għall-prodotti esportati hija r-responsabbiltà tal-esportatur (operatur kummerċjali tal-ikel) li jiżgura li l-prodotti esportati jilhqgħu l-kriterja tas-sigurtà tal-ikel mikrobijoloġika tal-parti li qed timporta.

⁽²⁾ Tapplika għas-setturi tal-laħam, tas-sajd u tal-ħalib.

⁽³⁾ It-tagħrif dwar l-istabbiliment u l-faċilitajiet ta' New Zealand għandu jidħol fis-sistema tal-UE TRACES (jew kull sistema suċċessiva) mill-Awtorità Kompetenti ta' New Zealand. New Zealand tiggarrantixxi li l-istabbiliment jkun jissodisfaw il-kundizzjonijiet kif stabbiliti fil-Ftehim. Il-Kummissjoni għandha taġġorna u tippubblika t-tagħrif fuq il-websajt tal-Kummissjoni mingħajr ebda dewmien u ġeneralment fi żmien jumejn (2) ta' xogħol. Meta jkollha dubji dwar xi garanzija, il-Kummissjoni tista' tagħżel li ma tippubblikax stabbiliment fuq il-websajt tal-Kummissjoni. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tippubblikax stabbiliment fuq il-websajt tal-Kummissjoni se tippovdi raġun(ijiet) lill-awtorità ta' New Zealand mingħajr ebda dewmien.

ANNEX VII

ĊERTIFIKAZZJONI

Iċ-ċertifikati uffiċjali tas-saħħa jkopru kunsinni ta' annimali ħajjin u/jew prodotti tal-annimali li jkunu negozjati bejn il-Partijiet.

Taqsim 1: Dikjarazzjonijiet ta' saħħa:

(a) Għall-prodotti bażiċi b'ekwivalenza 'Iva 1' kif miftiehem

- (i) Għandha tintuża l-attestazzjoni tas-saħħa mudell li ġejja (ekwivalenza għall-annimali u/jew saħħa pubblika kif xieraq). Irreferi Iva (1) l-Anness V;

L-annimal(i) ħajjin jew prodott(i) mill-annimali deskritti hawn isfel, huma skont l-istandards u r-rekwiżiti rilevanti (l-Unjoni Ewropea/New Zealand (*)) li ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal standards u rekwiżiti (New Zealand/l-Unjoni Ewropea (*)) kif preskritt fil-Ftehim tal-Unjoni Ewropea/New Zealand dwar miżuri sanitarji (Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE).

Speċifikament, b'mod konformi ma' (niżżel.. il-leġiżlazzjoni tal-Parti li tesporta) (**)

(*) Ħassar kif xieraq.

(**) Fakultattiv, fid-diskrezzjoni tal-Parti li qed timporta.'

U

- (ii) L-attestazzjon(ijiet) miżjuda kif deskritti fil-Kapitolu 28 tat-Taqsima 5 tal-Anness V, kif rilevanti u msemmija fil-'Kundizzjonijiet Speċjali' fl-Anness V li għandu jintuża.

- (iii) Għal esportazzjonijiet tal-UE lejn New Zealand, għandhom jintużaw l-attestazzjonijiet addizzjonali: 'il-prodott tal-annimal huwa eliġibbli għall-kummerċ intra-Unjoni mingħajr restrizzjoni'.

- (iv) Għall-esportazzjoni minn New Zealand: Għall-konsenji tal-prodotti bażiċi li hija preskritta l-attestazzjoni tas-saħħa mudell skont it-Taqsima 1 paragrafu (a)(i) għalihom u li hi stabbilita l-ekwivalenza għalihom fl-Anness V, Taqsima 5, Kapitolu 28, Subkapitolu 'Sistemi ta' ċertifikazzjoni', l-attestazzjoni addizzjonali li trid tintuża meta jinħarġu ċ-ċertifikati wara l-ġurnata tal-ħruġ (1) tal-konsenji: 'L-uffiċjal imsemmi jiċċertifika din il-konsenja fuq il-bażi tal-eliġibbiltà tad-dokument(i) (speċifika r-referenza għad-Dokument(i) ta' Eliġibbiltà xierqa ED)) li nħareġ (niżżel id-data), li ġew aċċettati minnu u li nħarġu qabel il-ħruġ tal-konsenja'.

(b) Għall-prodotti bażiċi kollha

Wara l-konferma tal-parti li qed tesporta, b'mod konformi mal-Artikolu 12, li faqqgħet marda elenkata fil-Kapitolu 29.B tat-Taqsima 5 tal-Anness V, l-attestazzjonijiet, kif deskritti fil-Kapitolu 29.B. tat-Taqsima 5 tal-Anness V, għandhom jiġu applikati għaċ-ċertifikati uffiċjali tas-saħħa. L-attestazzjonijiet addizzjonali rilevanti previsti fil-Kapitolu 29.B tat-Taqsima 5 tal-Anness V biex jintużaw sakemm tittieħed deċiżjoni dwar ir-reġjonalizzazzjoni mill-parti li qed tesporta, b'mod konformi mal-Artikolu 6 jew kif mitiehem b'mod reċiproku.

Taqsim 2: Finalizzazzjoni taċ-Ċertifikati:

(a) Meta jinħareġ it-titolu fiżiku, il-firma u s-siġill uffiċjali applikati għandhom jiġu f'kulur differenti minn dak tal-istampar.

(b) Għall-esportazzjoni minn New Zealand: meta jinħareġ titolu fiżiku uffiċjali, it-titolu fiżiku tas-saħħa għandu jinħareġ bl-Ingliż, kif ukoll f'wieħed mil-lingwi tal-Istat Membru tal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera fejn titwassal il-konsenja.

(c) Għall-esportazzjoni mill-Unjoni Ewropea: it-titolu fiżiku tas-saħħa għandu jinħareġ fil-lingwa tal-Istat Membru tal-orijini, kif ukoll bl-Ingliż.

(1) Id-data ta' ħruġ hija d-data meta l-bastiment telaq l-aħħar mill-port ta' New Zealand.

- (d) Kull konsenja maħsuba għall-esportazzjoni għandha tkun appoġġjata minn ċertifikat(i) tas-saħħa oriġinali, jew dokument(i) veterinarji oriġinali jew dokument(i) oriġinali oħra fejn speċifikati taħt il-Ftehim li jwassal it-tagħrif sanitarju miftiehem.
- (e) Ġew permessi modifiki żgħar għall-format tal-mudell taċ-ċertifikat
- (f) Iċ-ċertifikati tas-saħħa uffiċjali m'għandhomx bżonn jinkludu noti ta' spjegazzjoni li jipprovdu għajna għall-finalizzazzjoni u lanqas l-attestazzjonijiet li huma rilevanti mal-konsenja.

Taqsim 3: Trażmissjoni Elettronika tad-Dejta

- (a) L-iskambju taċ-ċertifikat(i) veterinarji oriġinali jew dokument(i) oriġinali oħra/it-tagħrif jista' jsir permezz ta' sistemi fuq karta u/jew metodi sikuri għat-trażmissjoni ta' dejta elettronika li toffri garanziji ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti. Inklużi l-firma diġitali jew il-mekkaniżmu ta' nonripudju. Meta l-Parti tal-esportazzjoni teleġġi biex tippovdi ċertifikati elettroniċi uffiċjali tas-saħħa u/jew dokument(i) veterinarji, il-Parti li qed timporta għandha tiddetermina li qed jiġu pprovduti l-garanziji ta' sigurtà ekwivalenti. Il-ftehim tal-Parti li qed timporta għall-użu esklussiv taċ-ċertifikazzjoni elettronika jista' jew jiġi rreġistrat f'wieħed mill-Annessi tal-Ftehim jew b'korrispondenza b'mod konformi mal-Artikolu 16(1) tal-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jieħdu kull pass li hemm bżonn biex jiżguraw l-integrità tal-proċess ta' ċertifikazzjoni, biex iħarsu kontra l-frodi u jevitaw ċertifikazzjoni falza jew qarrieqa.

Is-sistemi ta' trażmissjoni ta' dejta elettronika joffru garanziji ekwivalenti:

New Zealand — E-ċert

UE — TRACES

- (b) iċ-ċertifikat tas-saħħa uffiċjali għandu jinħareġ u jingħta fil-post tal-ispezzjoni fil-fruntiera jew:
 - (i) Bħala titolu fiżiku ta' verżjoni stampata u ffirmata, jew
 - (ii) Elettronikament, permezz tal-użu ta' trażmissjoni ta' dejta elettronika permezz ta' E-ċert u TRACES b'mod konformi mal-proċedura deskritta fit-Taqsim 3(a).

Taqsim 4: Kontrolli:

L-awtorità ta' kontroll trid tiżgura li l-uffiċjali uffiċjali li jkunu qed jiċċertifikaw huma konxji mill-kunidzzjonijiet ta' saħħa tal-parti li tkun qed timporta kif preskritt f'dan il-ftehim u huma marbuta li jiċċertifikaw fejn xieraq skont dawn il-ħtiġiet.

ANNEX VIII

KONTROLLI FIL-FRUNTIERA U ONORARJI TAL-ISPEZZJONI

A. KONTROLLI FIL-FRUNTIERA DWAR KONSENJI TA' ANNIMALI ĦAJJIN U PRODOTTI MILL-ANNIMALI

Tip ta' kontroll fil-fruntiera ⁽¹⁾:	Rata f%
1. Kontrolli tad-Dokumentarju u l-Identità	100
Iż-żewġ Partijiet iridu jwettqu kontrolli dokumentarji	

Il-verifika tal-identità tfisser verifika ⁽²⁾ ta' konformità diskrezzjonali mill-Awtorità Kompetenti biex tiżgura li ċ-ċertifikat(i)/dokument(i) ta' sanità jew dokument(i) oħra pprovduti għal-leġiżlazzjoni sanitarja tikkorrispondi mal-prodott fil-konsenja ⁽³⁾. Fil-każ tal-kontejners issiġillati, dik il-verifika ta' identità tista' tikkonsisti biss fl-ivverifikar li s-siġilli huma intatti u li l-informazzjoni tal-identità tal-kontejner u n-numru tas-siġill jikkorrispondi mat-tagħrif mogħti fid-dokument jew ċertifikat sanitarju mehmuż.

⁽¹⁾ L-Awtorità Kompetenti tista' tiddelega dawn l-attivitatijiet, inklużi l-ispezzjonijiet fiżiċi, lill-persuna responsabbli jew l-aġenzija, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Parti li qed timporta.

⁽²⁾ B'mod konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Parti li qed timporta.

⁽³⁾ Għall-għan ta' dan l-Anness, il-konsenja' tfisser kwantità ta' prodotti tal-istess tip, koperti mill-istess ċertifikat(i) veterinarji jew dokument(i) veterinarji, jew dokument(i) pprovduti oħra mil-leġiżlazzjoni veterinarja, li titwassal permezz ta' mezzi ta' trasport u li tasal mill-istess pajjiż terz jew parti tal-istess pajjiż. 'L-istess mezz ta' trasport' ifisser trasportatur (eż. bastiment, inġenju tal-ajru)

2. Verifiki fiżiċi (inklużi dawk aleatorji jew immirati)

Annimali ħajjin, minbarra naħal u naħal baħħli	100
Naħal reġina u kolonji zħar ta' naħal baħħli	100
Kontenituri ta' naħal u naħal baħħli	50 ⁽¹⁾
Semen/embrijuni/ova	10
Animali ħajjin ⁽²⁾ u prodotti tal-annimali għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness V tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE	1
Il-prodotti tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness V tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE	1
Proteina tal-annimali pproċessata għall-konsum mill-bniedem (bl-ingrossa)	100 % għall-ewwel 6 konsenji u mbaħħad 1-10 %.

B. ĦLASIJIET TAL-ISPEZZJONI

It-tariffi speċifikati f'B.I u II ta' dan l-Anness għandhom jiġu applikati għall-importazzjonijiet.

It-tariffi, sakemm mhux miftiehma mod ieħor, għandhom jiġu stipulati li jkopru biss l-ispejjeż tal-ħlas tas-servizz tal-ispezzjoni fil-fruntiera u m'għandhomx ikunu oġħla mit-tariffa mħallsa tal-konsenja ekwivalenti għall-istess prodott bażiku importat minn pajjiżi terzi.

B.I. Għall-Unjoni Ewropea**Tariffi tal-ispezzjoni ta' annimli ħajjin u ġermoplażma:**

It-tariffi ta' spezzjoni għandhom jiġu applikati b'mod konformi mal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Prodotti mill-annimali:

It-tariffi tal-ispezzjoni għandhom jiġu applikati b'mod konformi mal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 bi tnaqqis ta' 22.5 % ⁽³⁾. Madankollu, għat-tranżitu ta' oġġetti fl-Unjoni, it-tariffi għandhom japplikaw b'mod konformi mal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 mingħajr tnaqqis.

B.II. Għal New Zealand**Tariffi tal-ispezzjoni ta' annimli ħajjin u ġermoplażma:**

It-tariffi ta' spezzjoni għandhom jiġu applikati b'mod konformi ma' New Zealand; ir-Regolamenti tal-Bijosigurtà (Spejjeż).

Prodotti mill-annimali:**Dokumentarju u tariffi tal-ispezzjoni għall-kontrolli tal-identità:**

Konsenja waħda — Massimu ta' 149,60(+ gst) NZD għal kull konsenja

⁽¹⁾ Għal konsenji ta' naħal miġbur li fiħ inqas minn 130 kontenitur, trid tiġi spezzjonata 50 % tal-konsenja. Għall-konsenji li fiħom aktar minn 130 kontenitur, irid jiġi spezzjonat kampjun ta' 65 kontenitur magħżula b'mod aleatorju mill-konsenja sabiex jinkiseb 95 % intervall ta' kunfidenza biex jinsab 5 % tal-incidenta tal-marda.

⁽²⁾ Kif kopert mill-Kapitolu 10 tal-Anness V.

⁽³⁾ Ikkalkulati fuq is-suppożizzjoni li r-rata tal-verifiki fiżiċi għall-importazzjonijiet ta' New Zealand hija biss 10 % tar-rata tal-verifiki fiżiċi normali applikata għal pajjiżi terzi u jekk dejjem dawn l-ispejjeż għall-verifiki fiżiċi jammontaw għal 25 % tal-ispejjeż tat-tariffi totali.

Konsenji ta' bosta kontenituri — Massimu ta' 149,60(+ gst) NZD għall-ewwel kontenitur u Massimu ta' 75 (+ gst) NZD/kontenitur għal żieda ta' kontenituri

Konsenji fi kwantità ippakkjata individwalemt — Massimu ta' 149,60(+ gst) NZD/kull siegħa

Dokumentarju, identità + tariffi tal-ispezzjoni għall-kontrolli fiżiċi:

Konsenja waħda — it-tariffi tal-ispezzjoni japplikaw b'mod konformi mar-regolamenti ta' New Zealand:

Regolamenti tal-Bijosigurtà għas-Saħħa tal-Annimali (Spejjeż)

Regolament għat-Tariffi u l-Ħlas tas-Saħħa Pubblika

Aġġustament annwali għat-tariffi ta' spezzjoni ta' New Zealand

It-tariffi tal-ispezzjoni ta' New Zealand jistgħu jiġu aġġustati fuq bażi annwali b'mod konformi mal-formola li ġejja hawn isfel:

It-tariffa massima tal-ispezzjoni =

L-Anness VIII jelenka l-ħlas tal-ispezzjoni $\times (1 + \text{ir-rata ta' inflazzjoni medja}/100^*)$ (Sena kurrenti — 2009)

* kif ikkalkulat fuq bażi kontinwa għal New Zealand kif ippubblikat mill-Bank tar-Riżerva ta' New Zealand.”

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1085**tat-2 ta' Lulju 2015****dwar miżura meħuda mill-Iżvezja, skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-magni tal-injam għan-nar Hammars vedklipp 5,5 hk u Hammars vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB***(notifikata bid-dokument C(2015) 4428)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) L-Iżvezja infurmat lill-Kummissjoni dwar miżura li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-magni tal-injam għan-nar Hammars vedklipp 5,5 hk u Hammars vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB, Lustebo 40, SE-790 20 Grycksbo, l-Iżvezja.
- (2) Il-magni tal-injam għan-nar kellhom il-marka CE, skont id-Direttiva 2006/42/KE.
- (3) Ir-raġuni li tat l-Iżvezja għat-teħid tal-miżura kienet in-nuqqas ta' konformità tal-magni tal-injam għan-nar mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stipulati fil-punti 1.1.2 (Prinċipji ta' integrazzjoni ta' sigurtà) u 1.3.7 (Riskji li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet li jiċċaqilqu) tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE billi l-magni m'għandhomx tagħmir ta' lqugħ jew ta' protezzjoni kontra r-riskji minn partijiet li jiċċaqilqu.
- (4) Il-Kummissjoni stiednet lil Hammars Verkstad AB biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-miżura meħuda mill-Iżvezja.
- (5) Hammars Verkstad wieġbet lill-Kummissjoni li t-tagħmir għall-qtugħ taz-zkuk, li jissostitwixxi kemm serrieq u kif ukoll tagħmir għall-qsim taz-zkuk, kellu livell ta' riskju ferm aktar baxx għall-korriment tal-operatur jekk jitqies bħala sistema. Il-Kummissjoni talbet lill-manifattur għal dokumenti ta' appoġġ li jissostanzjaw l-argument dwar il-klassifikazzjoni tar-riskji bħala parti mill-valutazzjoni tal-konformità li wettqet. Ma waslet l-ebda risposta.
- (6) Il-verifika tal-evidenza mogħtija mill-Iżvezja turi li l-magni tal-injam għan-nar Hammars Vedklipp 5,5 hk u Hammars Vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB, Lustebo 40, SE-790 20 Grycksbo, l-Iżvezja, ma jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stipulati fid-Direttiva 2006/42/KE, u li dan in-nuqqas ta' konformità jwassal għal riskji serji ta' korriment tal-utenti. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-miżura meħuda mill-Iżvezja titqies bħala ġġustifikata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura li ħadet l-Iżvezja li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-magni tal-injam għan-nar Hammars vedklipp 5,5 hk u Hammars vedklipp 7,5 hk immanifatturati minn Hammars Verkstad AB, Lustebo 40, SE-790 20 Grycksbo, l-Iżvezja, hija ġġustifikata.

⁽¹⁾ ĠUL 157, 9.6.2006, p. 24.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIEŃKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni

RETTIFIKA**Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 169 tal-10 ta' Lulju 2000)

(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 03, Volum 029)

It-titolu fil-paġna tal-Werrej u t-titolu fil-paġna 258:

flok: "Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità",

aqra: "Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità".

Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 287 tad-29 ta' Ottubru 2013)

Fit-titolu, fil-paġna tal-Werrej u t-titolu fil-paġna 15,

minflok: "Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea"

aqra: "Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT